MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 92/2020 LM

**The Ramblers' Association (VO/0024)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **The Ramblers' Association (VO/0024),** hawnhekk 'l-appellanta', minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'), tal-25 ta' Jannar, 2022 (minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'), li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrenti u laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata **Awtorità tal-Artijiet** [minn issa 'l-appellata] fuq il-mertu.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegat li hija għaqda mhux governattiva ambjentali involuta fil-ħarsien tal-ambjent u fil-promozzjoni tat-tgawdija tiegħu mill-pubbliku. Qalet li għal dan il-għan, hija ta' spiss torganizza mixjiet fil-kampanja sabiex tippromwovi l-għarfien mill-pubbliku tal-wirt naturali, kulturali u soċjali tal-gżejjer Maltin. Spjegat li hija saret taf li fid-9 ta' Ottubru, 2020, l-Awtorità tal-Artijiet kienet ikkonkludiet ftehim mal-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti (l-FKNK) imsejjaħ '*Agreement on management and operation of the Miżieb and Aħrax areas'* [minn issa 'il quddiem 'il-ftehim'], li permezz tiegħu l-Awtorità appellata kkonċediet żewġ meded kbar ta' art, waħda fil-Miżieb u l-oħra fl-Aħrax tal-Mellieħa [minn issa 'l quddiem 'is-siti'], b'titolu ta' kurazija (*guardianship*), sabiex l-FKNK tkun tista' tamministra dawn is-siti b'korrispettiv totali ta' €400 fis-sena. Ir-rikorrenti spjegat li hija saret taf li fl-istess ġurnata ġie ffirmat *Memorandum of Understanding for the conservation of the Natural Environment of l-Aħrax l/o Mellieħa and Il-Miżieb* [minn issa 'il quddiem 'l-*MoU*'], bejn il-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-FKNK. Ir-rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata bl-iffirmar ta' dan il-ftehim, prinċipalment għaliex la l-Awtorità tal-Artijiet u lanqas l-FKNK ma kisbu d-debita awtorizzazzjoni mingħand l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi [l-ERA] mwaqqfa taħt il-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ġie ffirmat il-ftehim. Ir-rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex il-konċessjoni ngħatat bi ksur ta' dak li tiddisponi l-liġi speċjali dwar il-kuraziji (l-artikolu 70A tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan għaliex filwaqt li dan l-artikolu jipprovdi li kurazija bħal din kellha tingħata mill-Ministru responsabbli

mill-ambjent, jidher li din il-konċessjoni ngħatat direttament mill-Awtorità tal-Artijiet li ma kellha l-ebda setgħa tagħmel dan. Ir-rikorrenti żiedet tgħid li minkejja li l-artikolu rilevanti li jirregola l-kurazija jgħid li konċessjoni bħal din għandha tingħata permezz ta' att pubbliku, f'dan il-każ il-ftehim sar permezz ta' skrittura privata. Qalet ukoll li filwaqt li l-artikolu 70A(3) tal-Kap. 549 jipprovdi li qabel isir att ta' kurazija, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent għandu jara xi tkun il-fehma tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi dwar il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu inklużi fl-att ta' kurazija, ma jirriżultax li dan sar fil-każ odjern. Qalet ukoll li l-att ta' kurazija huwa irritwali stante li ma sarx mill-awtorità kompetenti. Ir-rikorrenti qalet ukoll li ma jirriżultax li qabel ġie ffirmat dan il-ftehim, l-Awtorità tal-Artijiet kisbet l-approvazzjoni tal-Ministru jew tas-Segretarju Parlamentari li l-Awtorità tal-Artijiet taqa' taħt il-portafoll tiegħu, sabiex tiddelega l-funzjonijiet tagħha fir-rigward tas-siti lill-FKNK kif jiddisponi l-artikolu 28 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk anki hawn għandu jirriżulta li l-Awtorità aġixxiet *ultra vires.* Ir-rikorrenti qalet ukoll li l-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-artikolu 31 tiegħu, imkien ma jipprovdi għat-trasferiment ta' art tal-Gvern permezz ta' *guardianship deed.* Żiedet tgħid li fit-tfassil tal-pjan '*Miżieb and Aħrax Project Plan'* li abbażi tiegħu ngħatat din il-konċessjoni, ma ġewx osservati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 50 u 51 tal-Kap. 549, u la r-rikorrenti u lanqas il-pubbliku ma ngħataw l-opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil ta' dan il-pjan. Qalet li anki dan sar bi ksur tal-liġi Komunitarja (ir-Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41), u la r-rikorrenti u lanqas il-pubbliku ma ġew ikkonsultati fit-tfassil ta' dan il-pjan, bi ksur anki tar-Regolament 7 tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika (Leġislazzjoni

Sussidjarja 549.61). Ir-rikorrenti qalet ukoll li l-pjan imsejjaħ *Miżieb and Aħrax Project Plan* li abbażi tiegħu ngħatat il-konċessjoni, ma ġiex suġġettat għall-ebda stima strateġika ambjentali, kif titlob il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61, u lanqas ma sar eżerċizzju sabiex jiġi determinat jekk dan il-pjan hux ser ikollu effetti ambjentali sinifikanti. Ir-rikorrenti spjegat li dawn l-istimi u valutazzjonijiet kellhom isiru sabiex jitħares il-'Prinċipju Kawtelattiv' li l-Gvern huwa marbut li josserva skont l-artikolu 4(1)(b) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta), u ladarba dan il-prinċipju ma ġiex imħares qabel ingħatat il-konċessjoni, it-trasferiment għandu jitqies li huwa null u bla effett. Aggravju ieħor li ssemma mir-rikorrenti fir-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, huwa li l-korrispettiv ta' €400 fis-sena għas-siti huwa irriżorju, sproporzjonat, u jikkonferma kemm din il-konċessjoni ngħatat abbużivament. Qalet li il-ftehim jipprovdi li l-Ministru responsabbli għall-kaċċa u insib għandu jingaġġa *conservation officers,* liema uffiċjali ser ikunu qegħdin jirrispondu lill-FKNK, meta dan l-istess Ministru jew il-ministeru tiegħu ma kinux parti mill-ftehim. Ir-rikorrenti qalet li aggravju ieħor fir-rigward ta' din il-konċessjoni, huwa li l-konċessjoni ngħatat mingħajr konsiderazzjoni għall-fatt li ż-żewġ siti huma elementi ewlenin fil-pajsaġġi tal-art tal-gżejjer Maltin, u għalhekk huma parti mill-patrimonju kulturali Malti. Finalment ir-rikorrenti spjegat li l-ftehim ikopri art li tinstab ħmistax-il metru bogħod mil-linja kostali, li tikkawlifika bħala 'perimetru tal-kosta' a tenur tal-artikolu 311(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk hija art meqjusa bħala demanju pubbliku. Qalet li fl-Aħrax tal-Mellieħa hemm rotta kostali li spiss tintuża mill-membri tagħha, liema rotta issa ser tiġi magħluqa għal perijodu konsiderevoli tas-sena minħabba f'dan il-ftehim. Ir-rikorrenti qalet li il-konċessjoni saret ukoll bi ksur ta' diversi obbligi

internazzjonali ta' Malta, fosthom dawk inklużi fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) u l-Protokolli li jaqgħu taħtha.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti fir-rikors tagħha qalet li l-konċessjoni għandha titqies li hija nulla u mingħajr effett għaliex ingħatat għal konsiderazzjonijiet mhux xierqa sabiex il-membri tal-FKNK igawdu minn territorju enormi ta' miljun u nofs metru kwadru ta' art sabiex jipprattikaw id-delizzju tagħhom, u dan filwaqt li l-kumplament tal-popolazzjoni Maltija ser ikun imċaħħda milli taċċedi għal din l-art.

4. L-intimata fir-risposta tagħha wieġbet li fl-ewwel lok ir-rikorrenti trid turi li għandha interess ġuridiku dirett u personali sabiex tippromwovi din l-azzjoni. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-21 ta' Jannar, 2021, it-Tribunal iddeċieda li għandu jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata, fis-sens li r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bħala 'persuna aggravata' taħt l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2021, ħassret is-sentenza tat-Tribunal dwar din l-eċċezzjoni preliminari, filwaqt li ordnat lit-Tribunal jipproċedi bis-smigħ tal-kawża. Fil-fatt jirriżulta li saru diversi seduti quddiem it-Tribunal li fihom instemgħu l-provi li kellhom iressqu l-partijiet.

5. Fil-mertu, l-Awtorità intimata qalet li t-trasferiment li sar huwa wieħed leġittimu, skont dak li jippermetti l-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-artikolu 31(g)(E)(x) tiegħu, għaliex l-FKNK għandha dimensjoni kulturali u

soċjali x’taqdi u ngħatat din l-art bħal ma jingħataw artijiet oħra lil għaqdiet mhux governattivi oħra tul is-snin. L-intimata qalet li hija aġixxiet taħt l-artikolu 31 tal-Kap. 573, u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li tirrikorri għall-Kap. 549 tal-Liġijiet ta’ Malta. Qalet li lanqas l-artikolu 70A tal-Kap. 549 ma kien jeħtieġ li jiġi osservat għaliex l-artikolu 31 tal-Kap. 573 intuża b’mod indipendenti. L-intimata eċċepiet li f’dan il-każ hija tat dritt ta’ natura personali taħt l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573, in vista tad-dimensjoni kulturali u soċjali li għandha l-FKNK f’pajjiżna. L-Awtorità intimata għamlet riferiment għall-obbligi assunti taħt il-*MoU,* fosthom li l-FKNK trid tikseb il-permessi kollha meħtieġa bil-liġi u li dan il-ftehim ma jawtorizzax lill-FKNK tagħmel li trid a skapitu tar-regoli ambjentali. B’riferiment għall-aggravju dwar it-tariffa nominali ta’ €400, l-intimata qalet li wieħed irid iżomm f’moħħu li l-FKNK hija organizzazzjoni b’dimensjoni kulturali u soċjali, li mhijiex qegħda hemm biex tagħmel il-profitti. L-Awtorità intimata għamlet riferiment għall-parti tar-rikors tar-rikorrenti li jitkellem dwar ksur tal-Kap. 445 ta-Liġijiet ta’ Malta, u qalet li dan it-trasferiment ingħata b’mod indipendenti, u skont dak li jipprovdi għalih l-artikolu 31 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-Awtorità tal-Artijiet ċaħdet li s-siti in kwistjoni jinsabu fil-perimetru tal-kosta u għalhekk għandu jitqies bħala *extra commercium,* u qalet li għalhekk m’huwa meħtieġ l-ebda permess amministrattiv li jinkludi speċifikament konċessjonijiet bħal dawn. Ġie eċċepit ukoll mill-intimata li mhux minnu li dan il-ftehim jikser l-obbligi assunti minn Malta taħt il-konvenzjonijiet u protokolli internazzjonali li hija marbuta bihom.

6. **Ingram Bondin**, President tas-soċjetà rikorrenti, fl-*affidavit* tiegħu spjega li din l-għaqda ġiet imwaqqfa fl-2005 bil-ħsieb li tippreserva d-dritt ta’ aċċess tal-pubbliku għall-kampanja u għall-kosta, kif ukoll sabiex torganizza mixjiet fil-

kampanja għall-membri tagħha. Qal li fis-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2019, hija kellha 364 membru, u l-mixjiet organizzati minnha mhux biss huma intiżi bħala mezz ta' rikreazzjoni u eżerċizzju, iżda wkoll biex ikabbru l-apprezzament lejn il-wirt naturali, kulturali u storiku tal-pajjiż. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, ix-xhud ippreżenta mapep ta' tliet rotot li l-għaqda tipproponi għall-mixi fl-inħawi fejn jinsabu s-siti in kwistjoni. Qal li minkejja li l-ftehim jgħid li l-passaġġi pubbliċi f'dawn iż-żewġ siti ser jibqgħu miftuħa s-sena kollha, dan bl-ebda mod ma jtaffi l-ħsara li sejra ssir lill-attivitajiet organizzati mill-għaqda rappreżentata minnu, u dan għaliex ir-rotot tal-mixi mhux dejjem isegwu l-passaġġi pubbliċi. Qal li l-Awtorità tal-Artijiet ma kinitx informat lir-rikorrenti b'dan l-ostakolu maħluq bil-ftehim, għaliex din naqset milli tagħmel konsultazzjoni pubblika kif previst mil-liġi. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tal-istqarrija għall-istampa maħruġa mir-rikorrenti dakinhar li ġie ffirmat il-ftehim, kopja tal-ftehim li ġie ffirmat, kopja tal-*MoU,* kif ukoll kopja tal-istatut tar-rikorrenti.

7. **Dr Marisa Grech,** *Acting Chief Officer* fl-Awtorità tal-Artijiet, fl-*affidavit* tagħha qalet li permezz ta' stqarrija għall-istampa tal-11 t'April, 1986, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr Karmenu Mifsud Bonnici, kien ħabbar li kellu laqgħa ma' delegazzjoni mill-FKNK, fejn kien ta l-approvazzjoni tiegħu sabiex din tagħmel proġett fil-Miżieb. Il-ftehim kien jinkludi klawsola li tgħid li waqt il-ħin tal-kaċċa, ma jkun jista' jidħol ħadd fil-Miżieb ħlief min ikollu awtorizzazzjoni jmur għall-kaċċa, u għal dan il-għan twaħħlu diversi tabelli sabiex il-pubbliku jkun infurmat li dan is-sit qiegħed jinżamm għall-kaċċa. Il-ftehim kien japplika wkoll għal parti mill-Aħrax tal-Mellieħa. Ix-xhud spjegat li permezz ta' ittra datata l-15 t'Awwissu, 2014, l-FKNK kienet talbet lill-Kummissarju tal-Artijiet

jagħti *endorsement* uffiċjali għal *management agreements* fir-rigward taż-żewġ siti fil-Miżieb u fl-Aħrax. Ix-xhud qalet li fit-23 ta' Frar, 2011, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern kif kienet magħrufa l-Awtorità tal-Artijiet dak iż-żmien, kiteb lid-Direttur Eżekuttiv tal-BirdLife Malta, fejn infurmah li fl-1986 iż-żona tal-Miżieb kienet *designated* mill-Gvern bħala riserva għall-kaċċa u li l-aċċess għaliha kien skont il-ftehim li kien intlaħaq bejn il-Gvern u l-FKNK. Spjegat ukoll li fit-22 ta' Mejju, 2017, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi l-Onor. Dr Deborah Schembri, kienet ħarġet direttiva ministerjali lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet ta' dak iż-żmien, fejn irrakkomandat li l-Awtorità tikkonċedi *b'encroachment* il-proprjetajiet fil-Miżieb u fl-Aħrax, b'dan illi l-*encroachment* għandu jkun suġġett ukoll għal *management agreement.* Permezz ta' ittra mibgħuta fid-29 ta' Mejju, 2017, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità intimata ta' dak iż-żmien kien bagħat ittra lill-FKNK fejn infurmaha li l-Awtorità kienet disposta li tikkonċedi *b'encroachment* is-siti fil-Miżieb u fl-Aħrax, u li kienu ser jinbdew diskussjonijiet għal dan il-għan. Ix-xhud qalet li f'April tal-2019 kienet saret laqgħa organizzata mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità intimata ta' dak iż-żmien ma' rappreżentanti tal-FKNK, sabiex jinbdew diskussjonijiet li potenzjalment kellhom iwasslu għall-iffirmar ta' *management agreement* fir-rigward tal-Miżieb u l-Aħrax. Qalet li sussegwentement, bdew isiru l-preparamenti sabiex jiġi abbozzat ftehim fuq linji ġenerali, u eventwalment ġie abbozzat ftehim preliminari. Dan l-abbozz ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità intimata fit-12 ta' Ġunju, 2020. Ix-xhud annettiet mal-*affidavit* tagħha kopja tal-korrispondenza li għamlet riferiment għaliha fl-*affidavit* tagħha.

8. **Ingram Bondin** ippreżenta *affidavit* ulterjuri bi provi dokumentarji relatati mal-ftehim bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-FKNK, fosthom numru ta' Avviżi tal-Gvern b'lista ta' żoni skedati bħala *Special Area of Conservation* u *Special Protection Area,* l-estent tal-art skedata bħala *Special Area of Conservation* fil-Lvant tal-Aħrax tal-Mellieħa, l-estent tal-art skedata bħala *Special Protection Area* fil-Lvant tal-Aħrax tal-Mellieħa, l-estent tal-art skedata bħala *Special Area of Conservation* fil-Punent tal-Aħrax tal-Mellieħa (il-Qammiegħ), l-estent tal-art skedata bħala *Special Area of Conservation* fin-Nofsinhar tal-Aħrax tal-Mellieħa (l-Għadira), l-estent tal-art skedata bħala *Special Protection Area* fix-Xlokk tal-Miżieb, (is-Simar), lista ta' żoni skedati bħala *Area of Ecological Importance* u *Area of High Landscape Value,* l-estent tal-art skedata bħala *Area of Ecological Importance* u *Area of High Landscape Value* fil-Lvant tal-Aħrax tal-Mellieħa, l-estent tal-art skedata bħala *Area of Ecological Importance* u *Area of High Landscape Value* fil-punent tal-Aħrax tal-Mellieħa, l-Avviżi tal-Gvern li jiskedaw żoni bħala *bird sanctuaries,* kopji ta' mistoqsijiet parlamentari, u artikli minn gazzetti li permezz tagħhom ir-rikorrenti ssostni dak li stqarr Ingram Bondin fl-*affidavit* tiegħu.

9. **Dr Marisa Grech** *Acting Chief Officer* fit-Taqsima tal-Esproprji u Kuntratti tal-Awtorità intimata, xehdet li sabiex entità jew individwu jingħataw art taħt xi titolu jew konċessjoni, trid issir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet. Spjegat li l-FKNK kienet għamlet talba permezz ta' ittra fil-15 t'Awwissu, 2014. Ix-xhud qalet li l-Awtorità ma jkollhiex ħafna każijiet simili għal dan, u l-valur tal-korrispettiv li jkun irid jitħallas ħafna drabi jiġi deċiż mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità. Ix-xhud ikkonfermat li mal-ittra tal-FKNK ma ġiet sottomessa l-ebda pjanta lill-Awtorità, għalkemm qalet li mis-sistema tal-Awtorità seta' jiġi definit

l-*outline* tal-art. Qalet ukoll li hija ma tafx li saru xi rapporti dwar illegalitajiet fuq din l-art. Ix-xhud qalet li s-Segretarju Parlamentari Dr Deborah Schembri kienet ħarġet *ministerial directive* lill-Awtorità fejn qalet li fix-xhur preċedenti l-Gvern kellu taħdidiet mal-FKNK fuq l-art tal-Miżieb u l-Aħrax, u l-Gvern kien qiegħed jirrakkomanda li l-artijiet jgħaddu lill-FKNK b'mod formali. Għal dan il-għan il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità ta' dak iż-żmien intalab joħroġ *letter of intent.* Ix-xhud qalet ukoll li hija ma tafx jekk qabel ġie ffirmat dan il-ftehim, kienx hemm xi konsultazzjoni mal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent. Ikkonfermat ukoll li l-ftehim sar fil-forma ta' skrittura privata u mhux b'att pubbliku. Ix-xhud qalet ukoll li l-liġi in kwistjoni tgħid li t-trasferiment jista' jsir b'diversi modi, li jinkludu kera, *encroachment* jew bejgħ. Sussegwentement ix-xhud ippreżentat kopja ta' tliet pjanti 'annessi mal-ftehim oriġinali tal-Miżieb u l-Aħrax', kopja tal-Miżieb Reserve *Management Plan* 'anness mal-ftehim oriġinali tal-Miżieb u l-Aħrax', kopja tal-Aħrax Reserve *Management Plan* 'annessa mal-ftehim oriġinali tal-Miżieb u l-Aħrax', u kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tat-12 ta' Ġunju, 2020.

10. **Omar Mizzi**, Assistent Direttur tal-Enforcement tal-Awtorità tal-Ippjanar, ippreżenta lista ta' azzjonijiet ta' infurzar li ntalbet tieħu l-Awtorità fir-rigward tas-siti, u qal li uħud minn dawn l-azzjonijiet għadhom pendenti.

11. **Joseph Caruana**, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar xehed li l-Ministeru ma kienx firmatarju fuq il-ftehim iffirmat bejn l-FKNK u l-Awtorità.

12. **Lucas Micallef**, in rappreżentanza tal-FKNK, xehed li l-għaqda għandha mal-għaxart elef membru, organizzati f'kumitati li jassiguraw li n-nies li jixtiequ jipprattikaw il-kaċċa f'dawn is-siti josservaw l-obbligi imposti fuqhom, fosthom li jattendu diversi tindifiet matul is-sena, iħawlu siġar ġodda, u jmantnu l-blat. Qal li hemm għadd limitat ta' kemm jista' jkun hemm nies jipprattikaw fl-istess post. Ix-xhud qal li l-għaqda m'għandha l-ebda kontroll fuq in-nies li jkunu jridu jidħlu f'dan il-post, u d-duri jiġu assenjati lill-kaċċaturi individwali b'sistema ta' polza. Ix-xhud qal li hemm *management plans* dwar xogħol kontinwu li jsir kull sena, u meta jkun hemm inċidenti ssir riġenerazzjoni tas-siti skont il-pjan.

13. **James Piscopo**, li fiż-żmien meta ġie ffirmat dan il-ftehim kien Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet, xehed li wara li kien irċieva direzzjoni ministerjali, kienu bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati. Mistoqsi jekk kienx involut fid-delinejazzjoni tal-estent tas-siti, wieġeb li le, però l-membri tekniċi tal-Awtorità kienu ċċekkjaw il-pjanti pprovduti mill-FKNK. Fir-rigward tal-ammont li kien se jitħallas mill-FKNK għall-konċessjoni tas-siti, ix-xhud spjega li kien hemm deċiżjoni li din tkun xi ħaġa nominali. Din id-deċiżjoni ttieħdet mill-Ministeru. Fir-rigward ta' konsultazzjonijiet mal-ERA, ix-xhud wieġeb li ma kienx involut f'tali konsultazzjoni, però kien konxju li ġie ffirmat *MoU* mal-ERA fl-istess ġurnata li ġie ffirmat il-ftehim in kwistjoni. Mistoqsi x'għamlet l-Awtorità biex tiżgura jekk il-konċessjoni tirrikjedix stima strateġika ambjentali a tenur tar-Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61, ix-xhud wieġeb li l-ftehim jitkellem fuq *site conservation, management, clean up activities, educational campaigns,* u għalhekk ma setax jifhem x'tip ta' sfregju ambjentali seta' jkun hemm. Spjega li minn dan il-ftehim il-Gvern ibbenefika

wkoll, għaliex fejn qabel kellek sitwazzjoni *de facto* mhux regolarizzata, issa hawnhekk ġew imposti obbligi fuql-FKNK għal tliet snin.

14. **Il-Perit Michelle Piccinino**, Kap Eżekuttiv tal-ERA, spjegat illi xi April/Mejju 2020 kien hemm komunikazzjoni mis-Segretarjat tal-Ministeru tal-Ambjent sabiex isir *Memorandum of Understanding* fir-rigward tal-konċessjoni in kwistjoni. Spjegat li s-sit tal-Aħrax mhuwiex kollu kopert bi protezzjoni ambjentali. Spjegat li bħala sit *overall* huwa wieħed mis-siti l-inqas mhedda minn żvilupp, però hemm *areas* li huma mhedda b'*littering*. Tispjega li kienu qed jiġu mħejjija l-*work plans* li kellhom jiġu żvolti fuq is-siti in kwistjoni, fejn isir elenku ta' xogħlijiet li hemm bżonn isiru. Ix-xhud spjegat li l-ERA ma kinitx involuta fil-ftehim redatt mill-Awtorità intimata. Qalet li l-ftehim in kwistjoni ma kienx jikkwalifika bħala pjan li għalih kien hemm bżonn li ssir stima strateġika ambjentali. Fir-rigward ta' *environmental impact assessment,* qalet li jekk kien hemm ħtieġa li dan isir, dan kien kompitu tal-ERA, u li kieku kien hemm bżonn li jsir, huma kienu jitolbu li jsir. F'dan il-każ ma ntalabx li jsir.

15. **L-Onor. Ministru Clint Camilleri**, fix-xhieda tiegħu qal l-FKNK kienu ilhom diversi xhur jew snin jitolbu li jimmaniġġjaw is-siti in kwistjoni. Ix-xhud qal li ma kienx hu li ssuġġerixxa li tiddaħħal klawsola biex jiġu pprovduti jew sekondati gwardjani, u lanqas ma kien hu li ffirma l-konċessjoni. Ix-xhud qal li huwa jaf li l-ftehim jinkludi obbligu li jiġu ingaġġati persuni biex jimmaniġġjaw dawn is-siti. Ix-xhud qal li trid issir distinzjoni għaliex il-prattika tal-kaċċa tinvolvi wkoll element ta' konservazzjoni u ta' manutenzjoni tas-sit.

16. **Mark Mifsud Bonnici**, President tal-Kaċċaturi San Ubertu, xehed li fi stqarrija tal-għaqda rappreżentata minnu tad-9 ta' Ottubru, 2020, l-għaqda talbet lill-Gvern biex tiġi stmata bħal ħaddieħor fir-rigward ta' għajnuniet u responsabbiltajiet ambjentali. Ix-xhud qal li qabel saret din il-konċessjoni, ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni mal-għaqda rappreżentata minnu.

17. **Dr Ivan Meli**, Segretarju Privat fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari tal-Artijiet, spjega illi huwa kien ġie inkarigat biex jaħdem fuq *management agreement* li kellu jintlaħaq mal-FKNK. Jispjega li huwa kien ġie muri żewġ ittri, waħda ffirmata mill-ex-Prim Ministru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, u oħra tal-Professur Guido de Marco. Fir-rigward tal-ħlas nominali, spjega li oriġinarjament dan il-ħlas kellu jkun iżjed, però sussegwentement kienet ingħatat direzzjoni politika li għandu jonqos peress li l-FKNK ma kinux qed jingħataw flus bħal entitajiet oħra. Fir-rigward tal-pjanti li ġew annessi mal-ftehim, ix-xhud spjega li dawn ġew min-naħa tal-FKNK. Fir-rigward tal-ingaġġ ta' *conservation officers,* spjega li kien hemm direzzjoni politika u huwa daħħalha fil-ftehim u bagħat l-abbozz lill-Awtorità intimata. Mistoqsi għala fil-ftehim tintuża l-kelma *'guardian'*, ix-xhud spjega li huwa użaha bħala l-persuni li ħa jissalvagwardjaw iż-żona. Jispjega li l-ftehim huwa wieħed privat u mhuwiex kuntratt pubbliku. Jispjega li kull meta kien hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-ERA dwar il-ftehim, huwa dejjem tahom il-*feedback* tiegħu.

18. Is-Segretarju Parlamentari **l-Onor. Chris Agius**, fix-xhieda tiegħu qal li kienet ittieħdet deċiżjoni sabiex ftehim li kien imur lura ħafna snin jiġi kkonsolidat. Ix-xhud qal li saru għadd ta' laqgħat fil-Ministeru tiegħu ma' rappreżentanti tal-FKNK qabel ingħatat din il-konċessjoni. Qal ukoll li d-

deċiżjoni li jkun hemm ħlas nominali, ittieħdet abbażi ta' dak li kien isir ma' għaqdiet oħra fil-passat, u qal li l-Gvern ma jħaddem l-ebda parametri dwar il-mod kif għandhom jiġu stabbiliti il-ħlasijiet għall-użu ta' artijiet bħal dawn. Ix-xhud qal li '*guardian'* huwa persuna li jħares l-obbligi li għandu taħt dan il-ftehim.

19. **Lino Farrugia**, Kap Eżekuttiv tal-FKNK qal li huwa ilu attiv fl-FKNK ħamsa u tletin sena, u kien ilu involut sa minn meta beda jiġi nnegozjat il-*management agreement* għas-siti fil-Miżieb u fl-Aħrax tal-Mellieħa. Ix-xhud qal li l-FKNK ma kellha tagħmel l-ebda konsultazzjoni pubblika qabel ġiet konċessa dawn is-siti. Ix-xhud qal li l-*guardianship agreement* jinvolvi t-tħaris ta' numru ta' kundizzjonijiet għall-konservazzjoni tas-siti, u semma li sar eżerċizzju ta' tneħħija ta' siġar aljeni li qegħdin jinbidlu ma' siġar indiġeni. Ix-xhud qal ukoll li s-sit minn dejjem kien u għadu miftuħ għall-pubbliku. Ix-xhud qal ukoll li għas-sit kellhom jinħatru numru ta' *conservation officers,* imma sallum is-sorveljanza u l-*management* tas-siti qegħdin isiru biss fuq bażi volontarja.

## Is-Sentenza Appellata

20. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-appell intavolat quddiemu mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud, filwaqt li l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata għandhom jiġu milqugħa, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkunsidra:***

*Illi l-Assoċjazzjoni ressqet diversi aggravji li fil-fehma tagħha jsostnu t-talba tagħha għall-annullar tal-ftehim in kwistjoni.*

*Illi permezz tal-ewwel aggravju ssostni li kien hemm nuqqas ta' awtorizzazzjoni da parti tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, liema nuqqas jirrendi null il-ftehim in kwistjoni. B'mod iktar preċiż tagħmel referenza għal artikoli 58 u 59 tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent). Illi għall-aħjar intendiment tal-kwistjoni t-Tribunal se jiċċita testwalment dawn id-disposizzjonijiet, u ċioe:*

> "58.(1) Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, ebda persuna m'għandha twettaq kwalunkwe attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew tkun involuta f'tali attività jew operat, sakemm dik il-persuna m'għandhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni mill-Awtorità taħt dan l-Att.
>
> (2) L-attivitajiet u l-operati msemmija fis-subartikolu (1) jinkludu, fost oħrajn, l-attivitajiet u l-operati elenkati fl-Iskeda.
>
> (3) Awtorizzazzjoni mogħtija lil xi persuna taħt dan l-Att m'għandhiex teħles dik il-persuna mill-ħtieġa bil-liġi li tapplika għal kull awtorizzazzjoni oħra tkun kif tkun deskritta, jew minn xi obbligu ieħor li joħroġ taħt xi liġi oħra, jew inkella minn xi obbligu li joħroġ minn kundizzjoni marbuta ma' xi awtorizzazzjoni.
>
> 59.(1) Kull persuna, inkluż dipartiment tal-gvern jew korp azjendali stabbilit bil-liġi, li tkun trid twettaq xi attività msemmija fl-artikolu 58, għajr attività li tkun awtorizzata b'ordni u li trid titwettaq skont id-disposizzjonijiet tal-ordni, għandha tapplika lill-Awtorità għal awtorizzazzjoni, b'tali mod, fuq tali formola u bl-għoti ta' tali informazzjoni inkluż valutazzjonijiet u studji ambjentali, bħalma tista' tordna l-Awtorità.
>
> (2) Kulħadd jista' wkoll jissottometti talba bil-miktub lill-Awtorità sabiex jiġi deċiż jekk proposta tkunx teħtieġ awtorizzazzjoni, valutazzjoni ambjentali jew sottomissjoni oħra rilevanti."

*Illi fil-fehma tat-Tribunal ma jirriżultax illi dak li hemm fil-*management plans *redatti mill-FKNK huwa xi attività relatata ma' attivitajiet elenkati fl-imsemmija Skeda. Dan ġie konfermat mill-Kap Eżekuttiv tal-ERA fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Illi, però, anke jekk għall-grazzja tal-argument kien hemm bżonn xi awtorizzazzjoni kif imsemmija fl-artikoli hawn fuq ċitati, il-fatt li l-ERA daħlet f'MOU mal-FKNK hija awtorizzazzjoni impliċita għall-operat li se jsir fuq is-siti. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tat-tieni aggravju l-Assoċjazzjoni saħqet illi l-Ministeru għall-Ambjent u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi lagħbu rwol passiv. Illi dan it-Tribunal ma jaqbel assolutament xejn ma' din is-sottomissjoni. Il-provi juru pjuttost il-kuntrarju, u dan għaliex fl-istess ġurnata li l-Awtorità intimata ffirmat il-ftehim in kwistjoni mal-FKNK, ġie ffirmat ukoll MOU bejn l-FKNK, l-ERA u l-Ministeru msemmi kif rappreżentat mis-Segretarju Permanenti Joseph Caruana. Kwindi l-entitajiet governattivi li f'idejhom*

*huwa fdat il-ħarsien tal-ambjent kienu "on board" u imponew diversi obbligi fuq l-FKNK għall-ħarsien tal-ambjent fis-siti in kwistjoni. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tat-tielet aggravju l-Assoċjazzjoni tisħaq li kien hemm nuqqas ta' approvazzjoni tal-Ministru Responsabbli mill-Awtorità tal-Artijiet għad-delegazzjoni tal-funzjonijiet tal-Awtorità lill-FKNK u dan kif rikjest minn artikolu 28 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-imsemmi artikolu "*L-Awtorità tista', skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiddelega xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet tagħha skont dan l-att taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa. Avviż ta' kull delega bħal dik għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta."

*Illi l-funzjonijiet tal-Awtorità intimata huma elenkati f'artikolu 7 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-ftehim li sar ma jistax jiġi kklassifikat bħala delega ta' xi funzjoni msemmija taħt l-imsemmi artikolu. Il-ftehim huwa wieħed ta' mmaniġġjar u operazzjoni li jidħol perfettament fil-parametri tal-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi ma kien hemm ebda delga kif prospettata fil-liġi. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tar-raba' aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li l-Awtorità hija nieqsa mis-setgħa li tagħti atti ta' kurazija. Illi dan il-punt kien dibattut ħafna. Illi dan it-Tribunal għarbel sew il-ftehim in kwistjoni u s-sottomissjonijiet fit-tul li saru mill-Assoċjazzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata minnha. Illi t-Tribunal jirrileva illi fl-opinjoni tiegħu, għalkemm intuża il-kelma "guardian" jew "guardianship" fil-ftehim in kwistjoni, l-istess ftehim mhuwiex wieħed ai termini tal-artikolu 70A tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif spjega l-Onor. Chris Agius u Dr. Ivan Meli, u ċioe dan tal-aħħar kien il-persuna li rrediġa l-ftehim, il-kelma "guardian" intużat biex tinftiehem bħala "l-persuna li għandha tieħu ħsieb is-siti" u fl-ebda sens legali ieħor. Illi meta ħareġ ċar l-intenzjoni tal-partijiet, dan it-Tribunal ma jistax jisforza xi intenzjoni oħra fuq l-istess ftehim kif qegħda tippretendi l-Assoċjazzjoni. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tal-ħames u s-sitt aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li t-tfassil tal-pjan tal-Miżieb u l-Aħrax ma sarx in konformità mal-Artikolu 50 u 51 tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41 u 549.61, ma saret l-ebda parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-tħejjija ta' ċerti pjanijiet u programmi li jirrigwardaw l-ambjent u wkoll ma sarx eżerċizzju sabiex jiġi determinat jekk dan il-pjan huwiex ser ikollu effetti ambjentali sinifikanti.*

*Illi t-Tribunal josserva li fi klawsola 1.1.4 tal-ftehim hemm imniżżel is-segwenti, u ċioe:*

"'**Natura 2000 site'** refers to a coherent European ecological network of protected areas designated under the Council Directive 92/43/EU on the conservation of natural habitats and of wild fauna and flora, 'Habitats Directive' and the Council Directive 2009/147/EU on the conservation of wild birds, 'Birds Directive', and also includes the Natura 2000 sites declared in Malta as Special Areas of Conservation and Special Protection Areas and regulated under Legal Notice 311 of 2006, 'Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations'. This network includes sites hosting the natural habitat types and habitats of species listed in the aforementioned Directives and Regulations, which habitat types and species are to be maintained, or, where appropriate, restored, at a favourable conservation status in their natural range."

*In-Natura 2000 huwa* network *ta' siti magħżula biex jiżguraw is-sopravivenza tal-iktar speċi u abitati mhedda fl-Ewropa.*

*Illi l-Management Plan dwar is-sit tal-Miżieb u anke dwar is-sit Tal-Aħrax jelenkaw il-pjan ta' mmaniġġjar tal-istess siti. Fl-introduzzjoni għal dan il-pjan, fir-rigward tas-sit tal-Miżieb jingħad is-segwenti:-*

"The FKNK believes in the sustainable management of its sites. Through a concerted effort between the Miżieb Sub-Committee and practicing members. The main aim of this Management Plan is to safeguard the recreation practices of hunters and trappers whilst at the same time conserving the natural environment of the area. For this reason, the FKNK wishes to develop the site at Miżieb and reduce the abuse and vandalism that takes place at the area. Through this Management Plan, the FKNK is seeking the Government's support for the management of the area which has been assigned to the FKNK at Miżieb." (*fn. 4 a fol.370)*

*Fir-rigward tas-sit tal-Aħrax jingħad is-segwenti:-*

*"*The FKNK believes in the sustainable management of its sites. The main aim of this Management Plan is to safeguard the recreational practices of hunters and trappers whilst at the same time conserving the natural environment of the area. Another objective of this management plan is to provide the basis for the FKNK to receive governmental and other stakeholder's support for the management of the area in the limits of Mellieħa. The FKNK are currently planning and aiming to receive the necessary support via governmental funds as are normally allocated for similar projects entrusted to NGO's, which will be utilised to conserve the limits of Mellieħa while protecting it from vandalism and waste. The strategy would help the FKNK provide a more environmentally friendly environment for its members, locals and tourists alike. The expected end result of this is sustainability of the Mellieħa area that is managed by the FKNK." (*fn. 5 a fol. 388)*

*F'kull pjan imbagħad wieħed isib lista ta' attivitajiet maħsuba biex jiġu salvagwardjati l-istess siti filwaqt li jiġi prattikat l-insib u l-kaċċa.*

*Pereżempju fil-pjan tal-Miżieb ġie dikjarat illi l-membri tas-sotto-kumitat tal-Miżieb jieħdu ħsieb il-konservazzjoni tas-siġar u jiżbruhom, iħawlu siġar ġodda, fosthom siġar indiġeni, bini u manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ li jservu kemm bħala abitat tal-flora u fauna kif ukoll biex ma tintilifx ħamrija u ilma. Fl-istess pjan ġie dikjarat ukoll li l-membri tal-FKNK huma obbligati li jnaddfu s-sit filwaqt li l-Għaqda torganizza għadd ta' attivitajiet għall-pubbliku in ġenerali. L-Għaqda tieħu ħsieb ukoll li fl-istaġun tal-kaċċa tagħmel* signposts *biex tinforma lill-pubbliku in ġenerali li tkun għaddejja l-kaċċa filwaqt li hemm* area *mfassla għall-*picnics *li tiġi mantnuta mill-Għaqda u l-membri tagħha.*

*Il-Pjan tal-Aħrax huwa mfassal fuq linji simili però fl-istess sit ma hemmx* area *mfassla fejn wieħed jista' jagħmel* picnic. *Fil-pjan tal-Għaqda hemm imniżżel li* area *bħal din tista' tiġi ppjanata biex tinkoraġġixxi lill-Maltin u lit-turisti jgħaddu l-ħin liberu tagħhom fl-istess sit.*

*Illi minn qari tal-*Management Plans *ippreżentati lill-Awtorità intimata, it-Tribunal iqis li r-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova li dan imur kontra r-reġim ambjentali li japplika għas-siti Natura 2000. Minn dak li seta' jixtarr it-Tribunal, fl-istess pjanijiet, għalkemm huwa msemmi li se ssir kaċċa u nsib fis-siti msemmija, hemm ukoll element qawwi ta' konservazzjoni, liema element huwa l-bażi tar-reġim ambjentali applikabbli għas-siti Natura 2000. Illi filwaqt li r-rikors numru 91/20 u li mexa kontestwalment ma' dak preżenti, ġew elenkati numru ta' infrazzjonijiet riskontrati minn Birdlife Malta għal dak li għandu x'jaqsam kaċċa ta' għasafar u bini llegali fuq is-sit tal-Miżieb (fn. 6 ara fol. 77 et sequitur tar-rikors numru 91/20) dan ma jfissirx li l-Għaqda FKNK għandha tieħu r-responsabbilità tagħhom. Jibda biex jingħad illi fil-ftehim ġie stipulat illi fis-siti in kwistjoni jista' jkun hemm biċċiet minnhom imqabbla mill-Gvern lil terzi u li allura l-FKNK trid tirrispetta d-drittijiet li terzi jista' jkollhom fuq l-istess biċċiet ta' art. (fn. 7 klawsola 5.14 tal-ftehim) Kwindi, anke jekk kien hemm xi irregolaritajiet fil-passat, dawn jistgħu twettqu kemm minn membri tal-FKNK u kemm minn membri mhux tal-FKNK. Hu x'inhu l-każ sakemm il-membri tal-FKNK jeżerċitaw il-prattika tal-kaċċa u nsib fuq għasafar mhux protetti u fil-perjodu stipulati bil-liġi, u allura ma jkunux qed jiksru l-ebda liġi la nostrana u lanqas dik tal-Unjoni Ewropea, dan it-Tribunal ma jqisx illi l-ftehim imur kontra xi direttiva tal-Unjoni Ewropea jew xi liġi nostrana li tissalvagwardja l-ambjent u diversi speċi, inkluż għasafar li jbejtu Malta jew migratorji.*

*Illi, però, iktar minn hekk, fid-data li ġie ffirmat il-ftehim, ġie ffirmat ukoll* Memorandum of Understanding *bejn il-Ministeru tal-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-*

*Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-FKNK. Illi għall-kompletezza dan it-Tribunal qiegħed jirriproduċi dan l-MOU fl-intier tiegħu, u ċioe:-*

*"***Background**

1. That by virtue of the private agreement dated 9th October, 2020 entered into between the Lands Authority and the Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) the Land Authority granted the management and operation of the area known as Il-Miżieb and various areas within l-Aħrax along the Marfa Pensinsula (both hereinafter referred to as 'Site/s') to FKNK to be used exclusively for the activities defined in the related management/project plans including but not limited to hunting, trapping, sport shooting and other leisure activities;

2. FKNK desirous to continue to protect and safeguard the areas covered in the above-mentioned private agreement, but hereinafter referred to as 'Site/s' are entering into the Memorandum of Understanding (MoU) with the Ministry for the Environment, Climate Change and Planning, (MECP) and the Environment and Resources Authority (ERA) in order to further promote environmental conservation of the areas concerned.

3. For the avoidance of any doubt, this MoU shall be independent of the private agreement dated 9th October, 2020 above-quoted, but given that the Sites in the private agreement include various protected areas and protected species under the Environment Protection Act (Chapter 549 of the Laws of Malta, hereafter referred to as the 'EPA'), FKNK is entering into this MoU with its primary objective being that of managing same Sites in accordance with the provisions of the EPA, (which reference, includes all subsidiary legislation under Chapter 549 of the Laws of Malta), whilst promoting the environment.

4. Any one of the parties may decide to terminate this agreement mentioned in clause 1 expires or it is terminated for any reason whatsoever.

**Details of the MoU**

Consequently, and in furtherance of the objectives above-indicated, FKNK agrees to the following:

5. FKNK undertakes to manage the Sites in accordance with the EPA and the related EU environment acquis. FKNK guarantees not to change in any way whatsoever the principal nature and assure the conservation of the Site, including the protected habitats, species, and landscape features.

6. FKNK shall be responsible to manage the site through, inter alia, routine administration; implementing measures in line with the relevant legislation under the EPA and the related EU environment acquis; monitoring of biodiversity and patrolling the site; reporting to the relevant competent authorities any offences in breach of the EPA; carrying out of relevant education, research and awareness raising; and ensuring appropriate stakeholder engagement.

7. FKNK shall ensure that all public passageways and thoroughfares remain open to the public at all times.

8. FKNK declares that it will not hinder or obstruct any officers from ERA or MECP entrusted with a public service and who attend on the Sites in the exercise of their duties according to law, and will not otherwise unduly interfere with the exercise of such lawful duties.

9. FKNK shall also ensure that any signage shall be landscape-sensitive, non-intrusive and in strategic locations in accordance with the relevant applicable legislation. Signs within areas protected under the EPA shall be pre-approved by ERA.

10. FKNK shall not assign, transfer or sub-contract any part of this Agreement, without the prior written authorisation of MECP and ERA.

11. Nonetheless, FKNK is authorised to give temporary and limited access of the land/s to third parties exclusively to carry out activities, whether periodically or not, which are not detrimental to the area itself in collaboration with FKNK.

12. FKNK shall not place any orders with suppliers, or otherwise incur liabilities, in the name of MECP and/or ERA or any representative thereof unless previously authorised in writing by MECP and /or ERA.

13. The implementation of this MOU shall be coordinated by the designated responsible Sub-Committee set up by FKNK for this purpose, and all issues pertaining to this understanding shall be channelled to the same Sub-Committee, who will turn have the discretion to delegate and direct that any particular matter is entrusted to a particular person to liaise with ERA and/or MECP.

14. MECP shall coordinate discussions between all parties of the formulation of a Work Plan in relation to protected areas within the Site, detailing measures for the implementing this Agreement which shall be agreed to between all parties.

**General Clauses on the MOU**

15. This Agreement does not exempt the FKNK from the requirement to obtain all the necessary permits required by law including those required from ERA for the implementation of the services and tasks referred to in this MOU.

16. Without prejudice to any other relevant agreements signed by either party in connection with the Site/s this Agreement does not constitute any form of title to the land and/or property within the Site/s.

17. Information given by ERA or MECP to the FKNK through email or another medium cannot be published or disclosed unless parties agree beforehand in writing to disclose such information, provided each Party shall be entitled ot disclose correspondence or information or extracts thereof to any Court or administrative body as may be necessary in the performance of their legal obligations and/or to defend themselves in any claims made by any third parties.

**Default and Termination Clauses**

18. FKNK shall be in default if it is in breach of environmental legislation under the provisions of the EPA and its subsidiary legislation.

19. Where in the opinion of ERA and MECP, the FKNK is in default, ERA and MECP may notify the FKNK in writing, highlighting such default/s and giving at least ten (10) working days in which to remedy the default. If the default persists, the ERA or MECP may terminate the Agreement in line with Clause 20.

20. ERA and MECP may in case of default, terminate all or part of this agreement, at any time, following notification in line with Clause 19, in which case ERA or MECP shall bear no costs.

21. On the other hand, the FKNK may, at any time terminate this agreement by giving one-month notice in writing. The one-month notice will start to reckon from the date on which the letter of termination is notified to ERA and MECP.

22. This Agreement shall be governed and construed in accordance with the Laws of Malta, and subject to the jurisdiction of the Maltese Courts of Law."

*Illi għalhekk minn qari ta' dan l-MOU jirriżulta ċar illi ġie maqbul illi l-istess siti se jiġu mmaniġjati skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u l-leġislazzjoni sussidjarja promulgata taħt l-istess Att. Illi kif jirriżulta l-istess MOU jobbliga lill-FKNK timplimenta miżuri li jkunu in linea mal-liġi nostrana u dik relatata mal-acquis dwar l-ambjent tal-Unjoni Ewropea. Illi jirriżulta ċar illi dan l-MOU sar fl-ambitu tal-ftehim li kien għadu kemm ġie ffirmat u jirriżulta biċ-ċar illi fuq livell inter-Ministerjali kull Ministeru involut kien jaf eżattament x'kien fih il-ftehim in kwistjoni u s-sussugwenti MOU ċitat hawn fuq. Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li min-*

*naħa amministrattiva ġie maħsub li l-FKNK tħares il-liġijiet kollha viġenti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ambjent. Illi għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tas-seba' aggravju l-Assoċjazzjoni tisħaq illi l-ħlas ta' €400 fis-sena huwa wieħed mhux biss irriżorju u sproporzjonat iżda wkoll jikkonferma kemm il-konċessjoni saret b'mod abbużiv. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk wieħed jieqaf biss fuq l-ammont tista' tingħata l-impressjoni li dan huwa l-każ. Però meta wieħed jifli l-ftehim u jqis l-obbligi imposti u assunti mill-FKNK għaż-żamma tajba tas-siti jirrealizza li l-istess għaqda trid toħroġ ammont ta' spejjeż biex dawn is-siti jinżammu skont dak miftiehem. It-Tribunal se jiċċita ftit mill-obbligi assunti mill-FKNK, u ċioe:*

"5.5 The Guardian undertakes to regularly maintain and clean the Site and perform such duties as required by this agreement.

5.9 The Guardian shall be responsible to put up and/or procure all investment it deems necessary for the good management of the site in accordance with this agreement.

5.10 The Guardian shall take all necessary steps to ensure adequate security and safety within the Site, and to ensure the safety of all volunteers/employees working on the Site at any given time, according to health and safety regulations.

10.1 The Guardian shall in the joint names of the Grantor and the Guardian, prior to the signing of this Agreement, hold an insurance in order to safeguard the rights of third parties in case of third party liability ..."

*Dawn l-obbligi ċertament iridu jittieħdu in konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex iqis jekk l-ammont imħallas mill-FKNK huwiex wieħed irriżorju jew le. Illi t-Tribunal jirrileva li ai termini tal-Kapitolu 563, l-Awtorità intimata għandha l-obbligu li tara li jsir l-aħjar użu tal-art pubblika. B'dan ma jfissirx illi l-Awtorità intimata trid akkost ta' kollox tara biss il-lat finanzjarju ta' kwalunkwe konċessjoni li tagħmel. Hemm kunsiderazzjonijiet oħra li jridu jsiru bħal pereżempju l-oġġettivi kulturali u soċjali li jkunu se jiġu segwiti fuq is-siti konċessi. Għalkemm dwar jekk il-kaċċa għandhiex tiġi meqjusa bħala attività kulturali u soċjali hemm dibattitu pjuttost jaħraq, il-fatt hu li f'Malta hawn diversi persuni li jeżerċitaw din il-prattika bħal ma hawn diversi persuni oħra li jħobbu jagħmlu mixjiet twal fil-kampanja. Illi għalhekk dan it-Tribunal ma jħossx illi l-Awtorità intimata naqset mill-obbligi tagħha meta imponiet il-ħlas miftiehem. Dan qiegħed jingħad anke fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija minn Lino Farrugia, liema informazzjoni bl-ebda mod ma ġiet miċħuda f'kawża li BirdLife Malta fetħet dwar l-istess ftehim u li mxiet b'mod parallel ma' dan ir-rikors (fn. 9 Rikors Numru 91/20 Birdlife Malta et vs l-Awtorità tal-Artijiet), u ċioe li l-istess għaqda tirċievi mal-mija u*

*ħamsin elf euro bħala* grant *fis-sena biex tiġi sostnuta fl-attivitajiet tagħha. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi permezz tat-tmien aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li l-Awtorità aġixxiet* ultra vires *għaliex imponiet obbligu fuq il-Ministru responsabbli mill-kaċċa u l-insib li jingaġġa* conservation officers *u dan mingħajr ma l-istess Ministru kien parti minn dan il-ftehim. Illi skont il-ftehim il-partijiet qablu li kienu se jiġu* seconded *uffiċjali tal-Ministeru Responsabbli mill-Kaċċa u l-Insib sabiex jaqdu l-funzjoni ta'* conservation officers. *Illi f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti pproduċew bħala xhud lill-Onorevoli Clint Camilleri, il-Ministru responsabbli mill-Ministeru msemmi li spjega dan li ġej meta mistoqsi dwar l-obligu tal-Ministeru li jipprovdi l-gwardjani "*Aħna naħdmu f'isem Gvern wieħed u kull obbligu li sar f'isem il-Gvern aħna Gvern wieħed, issa Ministru ta' hekk jew hekk, ovvjament nimxu mar-regoli taċ-Ċivil u nimxu 'l quddiem." *Illi dan it-Tribunal ma jistax jirriskontra l-ebda problema da parti tal-Ministru konċernat, li għalkemm ma kienx parti mill-ftehim, li jonora dak li ġie maqbul bejn il-partijiet. illi dan it-Tribunal jifhem illi l-għan tal-*conservation officers *huwa li jħarsu s-siti minn atti illegali tant li skont il-ftehim għandu jkollhom poteri ta' infurzar. Illi t-Tribunal jifhem li dan huwa in linea mal-oġġettivi tar-rikorrenti li kollha għandhom interess li l-ambjent Malti jkun protett. Lanqas ma jimmerita li jiġi akkolt l-ilment li l-ftehim imur kontra artikolu 124(3) tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' ingaġġ ta' nies fis-settur pubbliku stante li l-Onorevoli Ministru Clint Camilleri stqarr illi l-ingaġġ tal-*conservation officers *kien se jsir skont il-liġijiet tal-pajjiż. Kwindi, fin-nuqqas totali ta' xi prova li hemm xi diżgwid da parti tal-Ministeru Responsabbli mill-Kaċċa u l-Insib dwar l-ingaġġ ta' dawn il-*conservation officers, *dan it-Tribunal ma jħossx illi dan l-aggravju kien wieħed mistħoqq.*

*Illi permezz tad-disa' aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li din il-konċessjoni ngħatat mingħajr ebda konsiderazzjoni li dawn is-siti huma elementi ewlenin fil-pajsaġġi tal-art tal-gżejjer Maltin u għaldaqstant jikkostitwixxu ukoll patrimonju kulturali Malti a tenur tal-Artiklu 2 u 3 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali. Illi ai termini tal-artikolu 64 tal-Att imsemmi, is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali jista' jidħol f'att ta' kurazija ma' għaqda mhux governattiva fejn il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli kulturali tiġi mgħoddija lill-istess għaqda. Illi t-Tribunal diġà esprima ruħhu iktar 'il fuq illi hawn non si tratta ta' għotja ta' kurazija iżda ta'* management agreement *u kwindi ma jiskattawx id-disposizzjonijiet tal-att imsemmi dwar l-għoti ta' kuraziji.*

*Illi permezz tal-għaxar aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li parti mill-ftehim jinkludi art li tinsab ħmistax-il metru 'l ġewwa mil-linja tal-kosta u li għalhekk din tikkwalifika bħala "perimetru tal-kosta" a tenur tal-artikolu 311 (2) tal-Kodiċi Ċivili u kwindi ġie*

*konċess lill-FKNK parti mid-demanju pubbliku. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan u dana peress li ai termini ta' klawsola 2.2 tal-ftehim hemm stipulat is-segwenti "*The parties agree that the foreshore surrounding the coastal perimeter of the Site, as defined in Article 311(2) of the Civil Code, Chapter 16 of the Laws of Malta *(fn. 10 The "foreshore" is that part of the coastal perimeter, including where it exceeds fifteen meters, which is normally covered by water due to the action of waves and the use of which is restricted by this fact. The foreshore extends up to the reach of the largest wave and, even if it lies beyond the reach of the waves, to the limits of any beach: Provided that the foreshore shall not extend over or onward of a schemed public road),* shall remain part of the Public Domain and therefore the Government reserves all rights thereon. The foreshore remains excluded from the scope of this Agreement, and access to it shall remain open and free of charge at all times." *Illi kwindi huwa ċar illi b'dan il-ftehim ġie eskluż dak li r-rikorrenti tallega li ġie użurpat. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi finalment l-Assoċjazzjoni tilmenta mill-fatt illi s-siti in kwistjoni, li jikkonsistu f'territorju ta' madwar miljun u nofs metru kwadru, se jitgawdew mill-membri tal-FKNK ad esklużjoni tal-popolazzjoni matul perijodi estensivi tas-sena. L-Assoċjazzjoni ssostni wkoll illi dan jippreġudika d-delizzju tal-membri tagħha li jimxu fil-kampanja sabiex jammiraw l-ambjent paesaġġistiku tal-pajjiż matul perijodi estensivi tas-sena. L-Assoċjazzjoni ssostni wkoll li dan jippreġudika d-delizzju tal-membri tagħha li jimxu fil-kampanja sabiex jammiraw l-ambjent paesaġġistiku tal-pajjiż matul perijodi estensivi. Illi t-Tribunal jaqbel illi s-siti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala estensivi però ma jaqbilx illi l-membri tal-Assoċjazzjoni se jiġu preklużi milli jgawdu l-paesaġġ. Illi skont il-ftehim in kwistjoni l-pubbliku in ġenerali għandu jkollu aċċess liberu ħlief fil-ħinijiet tal-kaċċa. Dan huwa neċessarju għas-salvagwardja tal-pubbliku però t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-istaġun tal-kaċċa huwa wieħed limitat kemm bħala perijodu u kemm bħala ħinijiet. Illi skont Avviż Legali 163 tal-2021 l-istaġun tal-kaċċa għar-Rebbiegħa 2021 limitat għas-summien fetaħ mill-10 sat-30 ta' April, 2021 kuljum minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. Filwaqt li ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 l-istaġun tal-kaċċa tal-Ħarifa kien miftuħ mill-1 ta' Settembru, 2021 sal-31 ta' Jannar, 2022 b'dana illi bejn il-15 ta' Settembru, 2021 u s-7 ta' Ottubru, 2021 il-kaċċa hi permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-7:00pm. Għall-kumplament tal-istaġun il-kaċċa hija permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx. Nhar ta' Ħadd u fil-festi pubbliċi ma tistax issir kaċċa wara s-1.00pm. fil-fehma tat-Tribunal dan ifisser illi l-pubbliku in ġenerali mhux prekluż li jaċċessa dawn is-siti f'ħinijiet ampji meta ma tkunx qed issir il-kaċċa u s-siti jistgħu jiġu gawduti liberament. Illi a differenza ta' artijiet oħra li l-Gvern jikkonċedi lill-privat u anke lil għaqdiet volontarji oħra, dan is-sit mhux se jiġi magħluq b'xi grada jew trid tħallas*

*biex taċċedi għalih. Dan is-sit se jibqa' miftuħ u għalhekk jista' jiġi gawdut minn kulħadd salv għal perijodi u ħinijiet limitati.*

*Illi għaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ħa in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha prodotti mill-partijiet, huwa tal-fehma illi ma hemm xejn irregolari jew vizzjat fid-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità intimata li tikkonċedi s-siti in kwistjoni lill-FKNK.*

***Decide***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq esposti, dan it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

## L-Appell

21. Ir-rikorrenti ressqu l-appell tagħhom mis-sentenza tat-Tribunal fl-14 ta' Frar, 2022 fejn talbu lil din il-Qorti tilqa' t-talba fir-rikors promutur imressaq minnhom, u tiddikjara li l-konċessjoni tad-9 ta' Ottubru, 2020 magħmula mill-Awtorità tal-Artijiet lill-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti tal-artijiet fil-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa, hija nulla u mingħajr effett. L-appellanta bdiet billi qalet li hija ħassitha aggravata minħabba fl-imġiba amministrattivament ħażina u fl-apprezzament parzjali, inġust u żbaljat kemm tal-liġi kif ukoll tal-provi li saru mit-Tribunal, liema imġiba fil-fehma tal-appellanta tilledi l-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, partikolarment il-prinċipju tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem.* L-appellanta saħqet li t-Tribunal huwa obbligat jimxi b'mod amministrattivament tajjeb, u għandu jiggarantixxi smiegħ xieraq lill-partijiet fil-kawżi li jinstemgħu quddiemu. Qalet li hija mhijiex tattakka l-apprezzament tal-provi tat-Tribunal billi tissostitwieh b'tagħha, iżda minflok qegħda tappella mill-apprezzament li sar u mis-sentenza li ngħatat minħabba l-parzjalità u l-imġiba tat-Tribunal.

22. Fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li fid-*decide* tas-sentenza tiegħu t-Tribunal sab li m'hemm xejn irregolari jew ivvizzjat fid-deċiżjoni tal-Awtorità, u ċaħad l-appell tagħha u laqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità appellata għalkemm naqas milli jikkonsidra l-aggavji tal-appellanta. Qalet li fil-fatt it-Tribunal ċaħad is-seba' aggravju mressaq minnha mingħajr m'għamel ebda konsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward. L-istess fir-rigward tal-għaxar aggravju mressaq minnha, partikolarment il-parti tal-aggravju li tittratta l-ksur tad-diversi obbligi taħt il-konvenzjonijiet internazzjonali li Malta hija tenuta li tosserva, fosthom il-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-żona Kostali tal-Mediterran tal-istess Konvenzjoni. Qalet li t-Tribunal m'għamel l-ebda konsiderazzjonijiet dwar dan, u injora l-fatt li kemm l-Awtorità appellata kif ukoll l-i*stakeholders* involuti m'għamlu xejn sabiex dawn l-obbligi internazzjonali jiġu mħarsa. Qalet li għalhekk is-sentenza tat-Tribunal mhijiex motivata adegwatament.

23. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal m'għamel ebda konsiderazzjonijiet dwar ir-risposta tal-Awtorità appellata, partikolarment għaliex uħud mill-argumenti sollevati minnha ma jissemmew imkien f'din ir-risposta. L-appellanta qalet li pilastru ewlieni tar-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet kien li l-konċessjoni in kwistjoni kienet fil-forma ta' kirja taħt l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573, imma t-Tribunal imkien ma spjega r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu din il-konċessjoni kellha titqies bħala kirja taħt l-imsemmi artikolu tal-liġi. L-appellanta qalet li l-ebda wieħed mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal ma ddeskriva din il-konċessjoni bħala 'kirja', u din il-kelma ma ssemmietx fil-korrispondenza li kien hemm qabel il-ftehim jew fid-dokumenti kollha relatati miegħu, u l-ewwel darba li tissemma

'kirja' huwa fir-risposta tal-Awtorità appellata għar-rikors promutur li l-appellanta ressqet quddiem it-Tribunal. L-appellanta qalet li dan xorta waħda ma waqqafx lit-Tribunal milli jaqta' u jiddeċiedi, bla ebda konsiderazzjoni ta' provi u tal-argumenti legali, li din kienet l-intenzjoni tal-kontraenti. Qalet ukoll li t-Tribunal imkien ma rribatta li l-intenzjoni tal-kontraenti fil-mument tal-ftehim ma kinitx kirja, iżda kurazija b'obbligazzjonijiet ta' *management and operation.* L-appellanta żiedet tgħid li f'diversi partijiet tas-sentenza tiegħu, it-Tribunal ipprova jikkontrapponi *management agreement* ma' kurazija, meta dawn iż-żewġ tipi ta' kuntratti ma jeskludux lil xulxin, iżda imkien ma jispjega għalfejn kien qed jabbraċċja t-teżi tal-appellata li din il-konċessjoni hija kirja taħt l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573. L-appellanta qalet li din l-omissjoni tat-Tribunal hija dovuta għat-tendenza parzjali tal-istess Tribunal.

24. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li minkejja li t-Tribunal fil-parti tad-*decide* tas-sentenza tiegħu spjega li kien ra l-atti u d-dokumenti kollha ppreżentati, li ra n-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet, u li kien għarbel sew il-ftehim iffirmat u s-sottomissjonijiet li saru, minn qari tas-sentenza, lilha jirriżultalha li t-Tribunal m'għamilx dan. L-appellanta saħqet li fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha, hija għamlet eżerċizzju klassifikatorju tal-ftehim in diżamina b'mod sistematiku u dettaljat, liema eżerċizzju twarrab għal kollox mit-Tribunal, li ddeċieda li minkejja li fil-ftehim tintuża l-kelma '*guardian*' jew '*guardianship*', il-ftehim mhux wieħed li sar *ai termini* tal-artikolu 70A tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta qalet li kuntrarjament għall-konklużjoni li ġibed it-Tribunal, hija ppruvat tagħmel eżerċizzju klassfikatorju, sabiex tislet x'kienet l-intenzjoni vera tal-partijiet fil-mument li fih sar il-ftehim.

L-appellanta qalet li filwaqt li hija qegħda ssostni li t-trasferiment kien wieħed ta' kurazija li fih ma ġewx rispettati ċerti rekwiżiti, u għalhekk huwa null, l-appellata qegħda tinsisti li l-ftehim huwa wieħed ta' kirja fejn l-ebda formalitajiet mhuma meħtieġa, u għalhekk dan il-ftehim huwa wieħed validu. Qalet li t-Tribunal ikkonkluda li l-ftehim huwa wieħed ta' *management and operation agreement,* u bbaża parti sostanzjali mid-deċiżjoni tiegħu fuq din il-konklużjoni. L-appellanta qalet li l-Awtorità tal-Artijiet ma eċċepietx li l-ftehim huwa *management and operation agreement,* u minflok eċċepiet li l-konċessjoni hija kirja taħt l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kapitolu 573. L-appellanta qalet li ma kellux ikun hemm konfużjoni bejn kuntratt ta' kirja u *management and operation agreement,* stante li ż-żewġ kuntratti għandhom oġġett, elementi u natura kompletament distinti minn xulxin, u din hija prova oħra tal-apprezzament manifestement żbaljat li sar mit-Tribunal. L-appellanta qalet li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija spjegat kif *management and operation agreement* mhuwiex esklużi minn u ma jeskludix kurazija, u t-tnejn li huma jmorru flimkien, tant hu hekk li kuntratt ta' kurazija naturalment jinkludi klawsoli dwar il-*management and operation* tas-sit. L-appellanta sostniet li dan ukoll hu eżempju ieħor ta' kif it-Tribunal mexa b'mod parzjali, billi skarta għal kollox in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, u introduċa *sua sponte,* eċċezzjoni ġdida fil-mertu, u dan ukoll huwa eżempju ta' imġiba li mhijiex amministrattivament tajba, u leżjoni tal-jedd tal-appellanta għal smigħ xieraq.

25. Fir-raba' aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li wieħed jara kemm it-Tribunal kien parzjali fid-deċiżjoni tiegħu meta jqabbel it-*transcripts* tax-xhieda mogħtija waqt is-smigħ tal-kawża u l-brani riprodotti f'paġna 10 sa 14 tas-sentenza appellata. L-appellanta qalet li hija mhijiex tippretendi li tissostitwixxi

l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, iżda sabiex jiggarantixxi smigħ xieraq, it-Tribunal kellu jikkonsidra l-provi kollha, u wara jagħmel apprezzament imparzjali tagħhom. L-appellanta saħqet li imġiba amministrattivament tajba tirrikjedi li jkun hemm raġuni ġustifikata sabiex prova li hija ammissibbli tiġi mwarrba u ma tiġix ikkonsidrata, u f'dan il-każ it-Tribunal wera imġiba parzjali b'mod sistematiku u ripetut. L-appellanta sostniet dan billi ċċitat eżempji tax-xhieda mogħtija quddiem it-Tribunal, fosthom dik ta' Dr Marisa Grech li minkejja li fl-*affidavit* tagħha semmiet il-kelma '*encroachment*', waqt ix-xhieda tagħha ddikjarat li l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità ddeċieda li l-*encroachment* għandu jingħata b'*guardianship deed.* L-appellanta qalet li din id-dikjarazzjoni hija kkonfermata mill-minuti tal-laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet tat-12 ta' Ġunju, 2020, li klassifika din l-għotja bħala *guardianship deed,* b'obbligazzjonijiet ta' *management and operation* taħt l-istess intestatura ma' *guardianship deeds* oħrajn li kellhom isiru. L-appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra wkoll ix-xhieda ta' Alistair Paul Borg, in rappreżentanza tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, stante li huwa ferm probabbli li dan il-Ministeru ma kellu l-ebda involviment f'din l-għotja. L-appellanta rreferiet ukoll għax-xhieda ta' Omar Mizzi mill-Awtorita tal-Ippjanar, li kkonferma li fuq din l-art saru numru ta' infrazzjonijiet, u qalet li anki din ix-xhieda ġiet skartata mit-Tribunal. L-appellanta allegat li meta wieħed iqabbel it-*transcripts* tad-deposizzjonijiet mogħtija, wieħed jinnota li dikjarazzjonijiet li jaġevolaw in-narrattiva tal-Awtorità appellata ġew magħżula u riprodotti fi brani fis-sentenza, filwaqt li dikjarazzjonijiet oħra tħallew barra. L-appellanta ċċitat ukoll mix-xhieda li ta Lucas Micallef in rappreżentanza tal-FKNK, u qalet li t-Tribunal naqas li jikkonsidra l-fatt li dan ix-

xhud imkien ma oġġezzjona għad-deskrizzjoni tal-ftehim bħala '*guardianship deed*'. L-appellanta semmiet ukoll ix-xhieda ta' Joseph Caruana, Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar, li qal li l-Ministeru tiegħu ma kienx involut f'din l-għotja, u li lanqas hu ma oġġezzjona għall-użu tat-terminu '*guardianship deed*' fir-rigward tal-ftehim. L-appellanta qalet li t-Tribunal għażel ukoll liema partijiet mix-xhieda ta' Mark Mifsud Bonnici, President tal-Għaqda Kaċċaturi, San Ubertu, għandu jinkludi fis-sentenza, u ġew iċċitati biss elementi ta' importanza sekondarja fid-deċiżjoni mogħtija, u t-Tribunal donnu ta l-impressjoni li din hija għaqda żgħira meta mqabbla mal-FKNK. L-appellanta rreferiet ukoll għax-xhieda ta' Michelle Piccinino, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għar-Riżorsi u Ambjent, li qalet li l-Aħrax tal-Mellieħa mhux kollu huwa sit protett, kif ikkwotaha t-Tribunal, iżda din qalet ukoll li l-meded protetti huma kbar, xi ħaġa li t-Tribunal naqas li jinkludi fis-sentenza tiegħu. L-appellanta saħqet li t-Tribunal wera nuqqas ta' imparzjalità u nuqqas ta' diliġenza, u imġiba amministrattivament ħażina, meta kkwota dak li qalet din ix-xhud, illi f'dan il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir Stima Strateġika Ambjentali jew valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali, mingħajr ma għamel apprezzament xieraq tal-liġi u tal-provi prodotti. L-appellanta qalet li prova oħra li skarta t-Tribunal hija x-xhieda tal-Ministru Clint Camilleri, li qal li kien ikollu diversi laqgħat mal-għaqdiet tal-kaċċaturi, u qal ukoll li ma jiftakar li saret l-ebda konsultazzjoni pubblika fil-fażi preparatorja għall-ftehim. L-appellanta ċċitat eżempji oħra mid-deposizzjonijiet mogħtija, fosthom dik mogħtija minn James Piscopo, li qal li l-parir li kellha l-Awtorità appellata kien li ma kienx hemm bżonn l-awtorizzazzjoni tal-ERA biex tidħol għal dan il-ftehim, minkejja dak li jipprovdi l-artikolu 58 tal-Kap. 549. L-appellanta qalet li l-istess

xhud James Piscopo kkonferma li f'dan il-każ l-Awtorità appellata ma ħasset ebda obbligu li twettaq Stima Strateġika Ambjentali, u ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt ambjentali. Qalet li dan ifisser li l-*forma mentis* tal-Awtorità appellata ma kinitx li l-ewwel issir stima u valutazzjoni tal-impatt ambjentali, imbagħad tikkonsulta, tfassal il-pjanijiet u tiddeċiedi kif jirrikjedu r-Regolamenti dwar Stima Strateġika Ambjentali (L.S. 549.62) u r-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (L.S. 549.46), iżda li tagħmel dak kollu li jrid il-Gvern, imbagħad wara tistenna li xi ħadd jispjegalha l-ħsara li tkun qegħda ssir. L-appellanta saħqet li anki fil-parti tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, li l-Awtorità m'għandha l-ebda setgħa tobbliga lill-Ministru jingaġġa *conservation officers,* m'hija korretta. L-appellanta qalet ukoll li anki d-dikjarazzjoni tal-istess xhud James Piscopo, li f'dan il-każ ġiet iffissata *nominal fee,* ġiet skartata, meta din hija konferma li f'dan il-każ il-konċessjoni qatt ma kienet kirja. L-appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal lanqas ma kkonsidra u analizza għal liema raġuni l-istess xhud James Piscopo, filwaqt li in eżami ma sab l-ebda problema jikklassifika l-ftehim bħala *guardianship deed,* mill-kontro-eżami 'l quddiem beda jagħti l-impressjoni li dan ma kienx ftehim ta' kurazija. Qalet li t-Tribunal naqas għalhekk milli jagħmel apprezzament imparzjali, ġust u xieraq ta' dawn il-provi kollha, liema provi huma ċentrali għall-kawża odjerna, u li ġew injorati kompletament mit-Tribunal mingħajr ebda raġuni. L-appellanta semmiet ukoll ix-xhieda tal-Onor. Chris Agius, li fix-xhieda tiegħu qatt ma semma li dan il-ftehim kien 'kirja', iżda qal li dan kien '*management agreement*', liema ftehi, l-appellanta tgħid li ntuża biex jikkumplimenta l-ftehim ta' kurazija. L-appellanta qalet li t-Tribunal naqas li jkun imparzjali wkoll meta ħa *at face value* x-xhieda ta' Dr Ivan Meli, Segretarju Privat tas-Segretarju Parlamentari

tal-Artijiet, li kkonferma li f'dan il-każ qatt ma ntalbet awtorizzazzjoni formali tal-Awtorità tar-Riżorsi u Ambjent kif titlob il-liġi, iżda li saru biss laqgħat informali fejn lanqas minuti ma nżammu, u ma sar l-ebda *environmental impact assessment* jew eżerċizzju ta' *strategic environment assessment.* Dan ix-xhud ukoll imkien ma jsemmi li il-ftehim kien wieħed ta' 'kirja'. L-appellanta ssostni li ġie ppruvat sa livell ferm ogħla minn bilanċ ta' probabbiltajiet, li n-natura tal-ftehim, skont l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-firma, hija waħda ta' kurazija li tinkludi obbligi ta' *management and operation.* L-appellanta qalet li qabel dan ix-xhud, l-ebda wieħed mix-xhieda ma eskluda li l-ftehim kien wieħed ta' *guardianship* jew ta' kurazija, u anki Dr Marisa Grech, *Acting Chief Officer* fis-Sezzjoni tal-Kuntratti tal-Awtorità tal-Artijiet, ikkonfermat li r-rieda u d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-istess Awtorità kienet li jingħata *guardianship agreement* lill-FKNK. Fil-fehma tal-appellanta, il-fatt li t-Tribunal adotta dak li qal Dr Ivan Meli ukoll huwa eżempju ta' nuqqas ta' imparzjalità u ta' imġiba amministrattivament ħażina.

26. Fil-ħames aggravju tagħha, l-appellanta tgħid ukoll li t-Tribunal mexa b'mod parzjali u b'imġiba amministrattivament ħażina, meta qal li l-attivitajiet elenkati fil-*management plans* li abbażi tagħhom ingħataw is-siti, ma jaqgħux fl-iskeda tal-Kap. 549, u għalhekk l-awtorizzazzjoni mhijiex meħtieġa. Qalet li dan huwa apprezzament żbaljat tal-liġi għaliex l-artikolu 58(1) tal-Kap. 549 jitkellem dwar *"kull attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent ..."*, u l-artikolu 58(2) jgħid li *"l-attivitajiet u l-operati msemmija fis-subartikolu (1) jinkludu, fost oħrajn, l-attivitajiet u l-operati elenkati fl-iskeda".* Qalet li għalhekk l-intendiment tal-leġislatur kien li dan l-artikolu għandu japplika għal kwalunkwe attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent, u l-iskeda

mhijiex eżawrjenti. Qalet ukoll li meta wieħed jaqra l-*management plans* kemm tal-Aħrax kif ukoll tal-Miżieb, jirrealiza li hemm numru ta' attivitajiet li verament jaqgħu fl-iskeda msemmija. Qalet li dawn il-*management plans* jitkellmu dwar prattiċi ta' kaċċa u nsib, tħawwil ta' siġar, ta' bini u manutenzjoni ta' duri u ħitan tas-sejjieħ. L-iskeda, min-naħa l-oħra, tinkludi attivitajiet ta' insib, sparar lejn, jew qbid ta' kampjuni, attivitajiet f'żoni protetti, afforestazzjoni, tħawwil, deforestazzjoni u tneħħija ta' veġetazzjoni naturali, kif ukoll attivitajiet li jkun mistenni li se jiġġeneraw, jintensifikaw jew jimmodifikaw l-istorbju ambjentali u l-ġestjoni tad-diversità bioloġika. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li din l-għotja, u l-*management plans* marbuta magħha, ma jaqgħux taħt l-attivitajiet ikkontemplati fl-artikolu 58 tal-Kap. 549. L-appellanta saħqet li anki l-argument tat-Tribunal li l-*MoU* huwa awtorizzazzjoni impliċita għall-finijiet tal-istess artikolu, huwa riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-liġi, għaliex minn qari tal-ftehim, jirriżulta li l-*MoU* mal-ERA sar wara l-ftehim bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-FKNK. Qalet li għalhekk l-ERA ma setgħetx tawtorizza l-ftehim permezz tal-*MoU* ladarba l-*MoU* sar wara l-ftehim. L-appellanta kompliet tgħid li l-artikolu 59 *et seq.* tal-Kap. 549 jirregola l-mod kif għandha tintalab l-awtorizzazzjoni, kif għandha tittieħed id-deċiżjoni, u kif jistgħu jsiru appelli u jiġu imposti obbligi mill-ERA, u li l-leġislatur imkien ma jikkontempla awtorizzazzjoni impliċita.

27. Is-sitt aggravju tal-appellanta huwa marbut mat-tieni aggravju miġjub minnha quddiem it-Tribunal, u l-appellanta qalet li dan l-aggravju mhux kif ikkonsidrah it-Tribunal, jiġifieri li l-Ministeru għall-Ambjent u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi lagħbu rwol passiv, iżda meta saret din l-għotja, ir-rekwiżiti tal-artikolu 70A tal-Kap. 549 ġew skartati kompletament. Qalet li t-Tribunal

donnu huwa tal-fehma li s-sempliċi fatt li l-awtoritajiet jidħlu bħala firmatarji fi ftehim bħal dan u jimponu xi obbligi, huwa biżżejjed biex jiġi sodisfatt il-vot tal-liġi. Qalet li minn apprezzament xieraq tal-liġi, għandu jirriżulta li l-leġislatur ħoloq għadd ta' salvagwardji u proċeduri li għandhom japplikaw meta xi entità jew awtorità tikkontempla xi għotja bħal din, fosthom billi ssir konsultazzjoni pubblika, assessjar tal-impatt ambjentali permezz ta' *strategic environmental assessments* u *environmental impact assessments,* sabiex jiġi meqjus ukoll jekk hux ser ikun hemm impatt ambjentali negattiv, livelli differenti ta' awtorizzazzjoni minn entitajiet differenti, iktar konsultazzjoni pubblika, jew drittijiet ta' appell. Qalet li f'dan il-każ dan kollu ġie skartat, u minkejja dan, it-Tribunal ma sab xejn irregolari. Qalet li anki n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li tinkludi spjega dettaljata dwar ir-raġuni għalfejn f'dan il-każ kellu japplika l-artikolu 70A tal-Kap. 549, ġiet skartata, u t-Tribunal ma jagħmel l-ebda riferiment għaliha.

28. Permezz tas-seba' aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li l-artikolu 7(1)(ċ) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta jispjega li waħda mill-funzjonijiet tal-Awtorità appellata huwa li tamministra bl-aktar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta, iżda permezz tal-*'Agreement on Management and Operation of the Miżieb and Aħrax Areas',* l-Awtorità tal-Artijiet tat funzjoni lill-FKNK sabiex tkun hi li tamministra s-siti, li huma boskijiet fuq art pubblika, u li huma wkoll żoni ta' importanza ekoloġika u ambjentali. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta kkonsidra li f'dan il-ftehim ma hemm l-ebda delega kif prospettata fil-liġi, għaliex minn qari tal-ftehim għandu jirriżulta li l-FKNK ser tkun qed taqdi funzjonijiet illi, li kieku mhux għal dan il-ftehim, kienet taqdihom l-Awtorità tal-Artijiet.

29. Fit-tmien aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li hija ħassitha ferm aggravata għaliex n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ġiet skartata mit-Tribunal. Qalet li din ukoll hija istanza ta' imġiba amministrattivament ħażina tat-Tribunal li qiegħed jilledi l-jedd tagħha għal smigħ xieraq. L-appellanta qalet li hija għamlet eżami dettaljat fejn spjegat kif skont il-provi, l-intendiment tal-partijiet kien li fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim ikun hemm kurazija anke jekk b'elementi ta' *management and operation,* u għalhekk ikun aħjar li dan il-ftehim jiġi kklassifikat bħala kurazija. L-appellanta qalet li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat u inkorrett tal-provi fir-rigward tal-intenzjoni vera tal-partijiet, għaliex l-intenzjoni dejjem kienet li l-FKNK tieħu ħsieb is-siti *de quo.* L-appellanta qalet li l-liġi tagħna tgħid li ċerti tipi ta' kuntratti, inklużi dak ta' kurazija ta' art pubblika, jeħtieġu ċerti formalitajiet, inkluż li jsiru b'att pubbliku, u l-konsegwenzi u l-formalitajiet isegwu t-tip ta' kuntratt. L-appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal qal li l-kelma '*guardian*' tintuża biex tirreferi għal persuna li jieħu ħsieb is-siti, filfatt l-intendiment kien li l-FKNK tieħu ħsieb dawn is-siti, li jfisser li dan il-ftehim huwa wieħed ta' kurazija. Qalet li l-kurazija tinkludi elementi ta' *management* u *operation,* iżda dawn l-elementi ma jikkontradixxux in-natura fundamentali tal-ftehim, li hija l-kurazija.

30. Id-disa' aggravju tal-appellanta huwa marbut man-nuqqas ta' konsultazzjoni pubblika li kellha ssir qabel ġiet konċessa din l-għotja, u t-Tribunal imkien ma spjega jekk f'dan il-każ kinitx meħtieġa konsultazzjoni pubblika jew le. Qalet li dan huwa eżempju ieħor ta' imġiba amministrattivament ħażina da parti tat-Tribunal, u kull ma għamel it-Tribunal kien li osserva li fil-ftehim hemm imniżżla d-definizzjoni ta' sit Natura 2000, li l-*Management Plans* tal-Miżieb u l-Aħrax jitkellmu dwar il-konservazzjoni tal-

ambjent naturali f'dawn is-siti, li r-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova li dan imur kontra r-reġim ambjentali li japplika għas-siti Natura 2000, u rriproduċiet *in toto* l-*Memorandum of Understanding* bejn il-Ministeru tal-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-FKNK, liema *MoU* ma jgħid xejn dwar il-parteċipazzjoni pubblika. L-appellanta qalet li l-fatt li persuna tirreferi għal obbligazzjoni legali f'kuntratt, ma jfissirx li dik l-obbligazzjoni legali ġiet onorata, u f'dan il-każ, billi l-partijiet qegħdin jgħidu li dak kollu li sar, sar in linea mal-liġi tagħna u mal-*acquis* tal-Unjoni Ewropea dwar l-ambjent, ma jfissirx li dak kollu li kellu jsir fil-fatt sar. L-appellanta qalet li s-sentenza tat-Tribunal ma titkellimx dwar il-ħtieġa *o meno* ta' konsultazzjoni pubblika, u dan huwa eżempju ieħor ta' imġiba amministrattivament ħażina.

31. L-għaxar aggravju tal-appellanta huwa marbut mal-fatt li l-konċessjoni in kwistjoni ngħatat mingħajr ma sar eżerċizzju biex jiġi determinat jekk dan il-ftehim huwiex ser ikollu effetti ambjentali sinifikanti skont ir-Regolamenti dwar Stima Strateġika Ambjentali (L.S. 549.61), li ma saritx stima strateġika ambjentali skont l-istess regolamenti, u li ma saritx valutazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, skont ir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (L.S. 549.46). L-appellanta saħqet li imġiba amministrattivament tajba tirrikjedi konsiderazzjoni raġonata da parti tat-Tribunal dwar jekk l-obbligi li jemanu mil-liġi japplikawx fil-każ *de quo,* u konsiderazzjoni tal-provi sabiex jiġi deċiż jekk dawn l-obbligi ġewx imħarsa jew le, iżda t-Tribunal naqas milli jagħmel dan. L-appellanta qalet li anki jekk jirriżulta l l-FKNK qegħda tħares il-liġijiet kollha viġenti, l-Awtorità tal-Artijiet kellha ċerti obbligi legali li jinkombu fuqha, u li kellhom jiġu mħarsa qabel ma ingħatat il-konċessjoni. Qalet ukoll li apprezzament korrett tal-liġi jfisser li s-sempliċi fatt li persuna tirreferi għal

obbligazzjoni legali f'kuntratt, ma jfissirx li b'daqshekk dik l-obbligazzjoni legali ġiet onorata. Qalet li l-Awtorità appellata kellha obbligu li tiżgura li ssir stima strateġika ambjentali, jew imqar isir eżerċizzju sabiex jiġi determinat jekk din il-konċessjoni hux ser ikollha effett ambjentali sinifikanti, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt ambjentali, u dan kollu kellu jsir qabel ma tingħata l-konċessjoni.

32. Permezz tal-ħdax-il aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal iddeċieda li l-obbligi assunti mill-FKNK ċertament li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex jiddeċiedi jekk l-ammont imħallas mill-FKNK huwiex wieħed irriżorju jew le. Qalet ukoll li t-Tribunal qabad mal-kurazija li għandha l-Birdlife Malta fuq sit ieħor, u fuq dak li xehed Lino Farrugia li Birdlife Malta tingħata €150,000 bħala *grant.* L-appellanta qalet li Lino Farrugia ma jgawdi l-ebda kariga fil-Birdlife, u għalhekk ix-xhieda tiegħu f'dan ir-rigward hija bbażata biss fuq *hearsay,* u għalhekk it-Tribunal ma kellu jagħti l-ebda valur probatorju lil din ix-xhieda. Qalet ukoll li anki hawn, it-Tribunal naqas milli jikkonsidra jekk il-Birdlife għandhiex ċerti obbligi marbuta mal-*grant* li qegħda tirċievi. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex it-Tribunal ma ra xejn irregolari jew leżiv għall-interess pubbliku bil-fatt li l-Awtorità appellata tat konċessjoni ta' art pubblika daqstant kbira għal korrispettiv miżeru minħabba f'dawn l-obbligi imposti fuq l-FKNK, u dan mingħajr ma tpoġġa xi obbligu fuq l-FKNK li tagħti rendikont tax-xogħol li ser tkun qegħda twettaq fuq dawn is-siti. Qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra kemm huwa l-ammont ta' membri tal-FKNK u kemm hija l-miżata li dawn iħallsu, u li meta wieħed iqis it-tul tal-istaġun tal-kaċċa u l-ħinijiet li fihom membri tal-FKNK ser ikunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn is-siti, jirriżulta li l-FKNK ser tkun qegħda tħallas biss madwar €0.04 fis-sena għal kull membru tagħha. L-appellanta qalet

li kieku t-Tribunal għamel apprezzament xieraq tal-liġi u tal-provi miġjuba fil-kawża, dan kien jara kemm ħlas ta' €400 fis-sena huwa irriżorju, inġust, abbużiv u leżiv għall-interess pubbliku.

33. Fit-tnax-il aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li filwaqt li t-Tribunal ddeċieda li ma jirriskontra l-ebda problema bil-fatt li l-Ministru konċernat, għalkemm ma kienx parti mill-ftehim, onora dak li ġie maqbul bejn il-partijiet, u tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li hija ma lmentatx mill-aġir tal-Ministru, iżda mill-aġir tal-Awtorità appellata. Qalet li kienet tkun imġiba amministrattiva aħjar li kieku t-Tribunal ikkonsidra jekk l-Awtorità appellata, jew l-FKNK, għandhomx is-setgħa li jiddisponu għal ħaddieħor, kif fil-fatt għamlu. L-appellanta qalet li l-fatt li l-Ministru qal li ser isir ingaġġ ta' *conservation officers,* u li dan l-ingaġġ kien ser isir skont il-liġijiet tal-pajjiż, ma jfissirx li fil-fatt l-ingaġġ tal-*conservation officers* sar jew qiegħed isir skont il-liġijiet tal-pajjiż. Qalet ukoll li skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ebda Ministru ma jista' jiġi delegat mill-Prim Ministru bis-setgħa li jimpjega nies fis-settur pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi. Qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li filwaqt li jeżistu skemi bħar-*Release of Public Employees to Work with Voluntary Organisations,* li permezz tagħhom impjegati eżistenti tal-Gvern jiġu sekondati ma' għaqdiet mhux governattivi, il-liġi imkien ma tikkontempla sitwazzjoni fejn is-settur pubbliku jimpjega persuni biex dawn jiġu sekondati immedjatament ma' għaqda mhux governattiva.

34. Fit-tlettax-il aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra jekk is-siti jikkostitwixxux ukoll patrimonju kulturali a tenur tal-artikolu 2 u 3 tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta, u n-nuqqas tat-Tribunal f'dan ir-

rigward ukoll jikkostitwixxi imġiba amministrattivament ħażina, li qegħda tilledi d-dritt ta' smigħ xieraq tal-appellanta. Qalet ukoll li t-Tribunal kellu jikkonsidra x'involviment kellu jkollha s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, li hija r-regolatur għall-patrimonju kulturali f'pajjiżna. Qalet li l-fatt li dawn l-artijiet jikkostitwixxu wkoll patrimonju kulturali, dan il-fatt kellu jikkomplimenta u jsaħħaħ il-ħtieġa li jiġu osservati r-rekwiżiti u applikati s-salvagwardji kollha skont il-liġi, inkluż il-Kap. 549 u l-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li l-fatt li t-Tribunal iddeċieda li din il-konċessjoni mhijiex kurazija, fisser li dan warrab il-ħtieġa li jassigura li jiġu applikati s-salvagwardji kollha li ħoloq il-leġislatur.

35. Fl-erbatax-il aggravju tagħha, l-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata għaliex it-Tribunal skarta kompletament dik il-parti tal-aggravju tagħha li tittratta obbligazzjonijiet naxxenti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja (il-Konvenzjoni ta' Barċellona), partikolarment l-Artikolu 4(3)(ċ) u l-Artikolu 15 tagħha, u l-Protokoll fuq il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali tal-Mediterran tal-istess Konvenzjoni, u senjatament l-Artikoli 6(b), (d), (e) (f) (g) u (j), 7(1)(b) u (ċ), 8(3)(ċ), (d) u (e), 9(2)(d), 10(2)(b) u 10(3), 11, 13, 14, 18, 19, u 20 fost l-oħrajn. L-appellanta qalet li min-naħa tagħha hija elaborat fit-tul dwar dan fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, imma minkejja dan it-Tribunal ċaħad dan l-aggravju *in toto* mingħajr ma għamel ebda konsiderazzjoni ulterjuri. Qalet li dan huwa ksur tal-artikolu 3(2)(ħ) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u imġiba amministrattivament ħażina mit-Tribunal. Qalet li ġialdarba din l-obbligazzjoni legali ġiet ippruvata, u ġie ppruvat ukoll li meta ngħatat il-konċessjoni ma sar xejn sabiex dawn l-obbligazzjonijiet jiġu mħarsa, minn apprezzament korrett

tal-liġi proċedurali tagħna u tal-provi, għandu jsegwi li dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ ukoll.

## Ir-Risposta tal-Appell

36. L-appellata qalet filwaqt li l-appellanta qegħda tilmenta għaliex skont hi l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal fis-sentenza mogħtija minnu kienu leġġeri u superfiċjali, dawn l-allegazzjonijiet ma ġewx sostanzjati mill-appellanta. Qalet li minkejja l-kliem iebes użat mill-appellanta, l-unika raġuni għalfejn din tgħid li s-sentenza tat-Tribunal hija inkongruwa u illoġika hija biss għaliex s-sentenza appellata m'għoġbitx lill-appellanta. L-Awtorità appellata qalet ukoll li l-appellanta tikkonfondi n-natura reviżorja ta' dawn il-proċeduri ma' proċeduri ċivili fejn ikun jista' jiġi determinat il-mertu tal-kwistjoni. L-appellata qalet li minkejja dak kollu li ngħad fir-rikors tal-appell tal-appellanta, t-Tribunal għandu biss is-setgħa li jirrevedi atti u deċiżjonijiet amministrattivi, u għalhekk li jeżamina jekk id-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità tteħditx b'mod korrett u ġust, u skont il-proċedura stabbilita bil-liġi.

37. L-appellata qalet li fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanta ssostni li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-aggravji kollha tagħha, u dan b'riferiment partikolari għas-sebgħa u l-għaxar aggravju kif imressqa quddiem it-Tribunal. Fir-rigward tas-sebgħa aggravju li jirrelata mal-korrispettiv dovut mill-FKNK lill-appellata, l-appellanta jissenjalaw biss li skonthom it-Tribunal ċaħad dan l-aggravju mingħajr l-ebda konsiderazzjoni u mingħajr l-ebda elaborazzjoni. L-Awtorità appellata qalet li dan mhux minnu, għaliex it-Tribunal għamel diversi konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dan l-aggravju, partikolarment billi

jikkombaċja il-korrispettiv dovut mal-obbligi mposti u assunti mill-FKNK għaż-żamma tas-siti, u għall-fatt li permezz tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellata trid tara li jsir l-aħjar użu tal-art li hija amministrata minnha, u dan m'għandux ikun biss mil-lat finanzjarju, iżda wkoll minn diversi konsiderazzjonijiet oħra, fosthom il-lat soċjali u kulturali li jkunu ser jiġu segwiti fuq is-siti konċessi. It-Tribunal ikkonsidra wkoll kif f'konċessjonijiet oħra, huwa l-Gvern li jħallas lill-għaqdiet volontarji, u mhux bil-kontra. L-appellata qalet li l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-għaxar aggravju, fejn it-Tribunal qies li ladarba l-ebda parti mill-perimetru tal-kosta ma ġie konċess lill-FKNK, it-Tribunal ma kellu l-ebda ħtieġa jeżamina l-punt jekk il-konċessjoni tal-perimetru tal-kosta kinitx tilledi xi obbligazzjoni internazzjonali jew le.

38. L-appellata għamlet riferiment għall-aggravju tal-appellanta fejn din sostniet li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal mhijiex adegwatament motivata, mhijiex ta' imġiba amministrattiva tajba, u ġie miksur id-dritt tal-appellanta għal smigħ xieraq sanċit bl-artikolu 3(2)(a) tal-Kap. 490. L-appellata wieġbet li t-Tribunal immotiva d-deċiżjoni tiegħu kif meħtieġ, u m'hemm l-ebda punt fid-deċiżjoni li mhux spjegat tajjeb. Qalet li l-fatt li d-deċiżjoni hija waħda mmotivata, jirriżulta wkoll mill-fatt li l-appellanta ressqet appell b'erbatax-il aggravju maqsuma f'żewġ sezzjonijiet, u għalhekk ma jistax jingħad li d-deċiżjoni mhijiex waħda motivata. L-appellata qalet li wieħed irid jikkonsidra wkoll li t-Tribunal huwa marbut b'terminu ta' sitt xhur li fih irid jagħti d-deċiżjoni tiegħu fi proċeduri bħal dawn.

39. L-Awtorità appellata għamlet riferiment għall-artikolu 3 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u qalet li l-appellanta ma tirreferi għall-ebda nuqqas

partikolari, u tikkontendi li ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naħa tat-Tribunal jew fl-imġiba tiegħu. L-appellata qalet li l-appellanta lanqas ma tispjega għal liema raġunijiet inkiser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq, u għamlet riferiment għall-fatt li matul is-seduti li saru quddiem it-Tribunal, ġew ippreżentati għadd ta' provi mill-appellanta, u dawn il-provi kollha ġew ikkonsidrati mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu.

40. L-appellata tagħmel riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, u tgħid li dan l-aggravju ma jreġix, għaliex it-Tribunal fl-ebda waqt ma stabbilixxa x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti. Żiedet tgħid li t-Tribunal qal biss li l-ftehim huwa wieħed ta' immaniġġjar u operazzjoni, li jidħol perfettament fil-parametri tal-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata qalet li t-Tribunal qatt ma ntalab jagħmel xi dikjarazzjoni fir-rigward tal-intenzjoni tal-partijiet, u lanqas li kieku saret talba bħal din, it-Tribunal m'għandux il-kompetenza jagħmel tali determinazzjoni stante li dan imur lil hinn minn proċeduri ta' reviżjoni amministrattiva. L-Awtorità appellata qalet li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal mexa mal-parametri mpoġġija mill-appellanta stess permezz tal-aggravji mressqa minnha, kif ukoll mal-parametri li l-liġi tagħti lill-istess Tribunal. L-appellata qalet li lanqas m'huwa minnu li t-Tribunal ipprova jikkontrapponi *management agreement* ma' kurazija, minkejja li dan huwa eżerċizzju li ppruvaw iwettqu l-appellanta fis-sottomissjonijiet tagħhom. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien korrett meta kkonsidra din il-kwistjoni biss abbażi tal-aggravji li kellu quddiemu, u kien għalhekk ukoll li t-Tribunal ikkonkluda li l-ftehim ma jistax jiġi kklassifikat bħala delega tal-funzjonijiet tal-Awtorità, għaliex huwa ftehim li jinkwadra ruħhu fil-parametri tal-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573. Qalet ukoll li mhux minnu li t-Tribunal kien parzjali fil-mod kif

iddeċieda l-atti tal-kawża, kif qiegħed jiġi allegat. L-appellata qalet li f'dan il-każ m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva, jew fatt aċċertabbli, li jista' jqajjem dubju dwar l-imparzjalità tat-Tribunal, u l-fatt li t-Tribunal żamm biss mal-aggravji miġjuba quddiemu fir-rikors promutur, ma jagħtix jedd lill-appellanta tallega li t-Tribunal ma kienx indipendenti fid-deċiżjoni aħħarija tiegħu.

41. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li anki dan l-aggravju ġie mressaq mill-appellanta għaliex m'għoġbithiex id-deċiżjoni tat-Tribunal. L-appellata qalet li fil-fatt għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel dawk l-osservazzjonijiet marbuta mal-aggravji kif miġjuba quddiemu, u huwa għalhekk li t-Tribunal ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellu imur oltre l-istess aggravji. L-appellata qalet li għalhekk mhux ġust li jingħad li t-Tribunal warrab l-argumenti u s-sottomissjonijiet tal-appellanta b'sentenza waħda, għaliex fid-dispożittiv tas-sentenza tiegħu, it-Tribunal għamel riferiment għall-parti tax-xhieda li wasslitu għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellata qalet li hija tikkondividi l-ħsieb tat-Tribunal li l-kelma '*guardian*' intużat biex tirreferi għal persuna li tieħu ħsieb is-siti, u fl-ebda sens legali ieħor. L-appellata qalet li hawn it-Tribunal straħ fuq ix-xhieda miġjuba quddiemu, u kienet biss l-appellanta li ppruvat toħloq konfużjoni minħabba parti mid-diċitura wżata fil-ftehim. Hawn ukoll l-appellata fakkret li l-proċeduri quddiem it-Tribunal kienu ta' natura ta' reviżjoni amministrattiva u mhux proċeduri ta' kawża ċivili, u huwa għalhekk li hija qatt ma tista' taqbel li l-element ewlieni ta' din il-kawża hija l-kwistjoni tan-natura tat-trasferiment, għaliex l-element l-aktar essenzjali huwa jekk l-Awtorità tal-Artijiet imxietx b'mod raġonevoli u kif mistenni minn awtorità diliġenti meta ddeċidiet li tiffirma l-ftehim in kwistjoni. Qalet li da parti tagħha hija mxiet bil-mod li kien mistenni minnha, u issa ġiet regolarizzata sitwazzjoni

li kienet ilha mhux formalment regolarizzata sa mis-snin tmenin. Qalet ukoll li l-appellanta ma qajmet l-ebda eċċezzjoni li l-ftehim huwa *management and operation agreement,* u tagħmel riferiment ukoll għall-artikolu 732A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward ta' dak li fil-fehma tagħha kienet eċċezzjoni *ex officio.* L-appellata qalet li t-Tribunal iddeċieda li mhux biss dan il-ftehim huwa kopert, imma wkoll li dan jinkwadra perfettament taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata qalet li l-partijiet qatt ma riedu jagħmlu ftehim ta' kurazija fir-rigward tas-siti, u riedu biss jifformalizzaw il-permessi mogħtija minn gvernijiet preċedenti. L-appellata qalet li għalhekk ma jistax jirriżulta li t-Tribunal ma segwiex il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, għaliex it-Tribunal ma qajjem l-ebda eċċezzjoni *ex officio.* Qalet li l-appellanta kellha opportunità u l-mezzi kollha disponibbli għaliha sabiex tressaq il-provi u tagħmel l-argumenti tagħha quddiem it-Tribunal, u l-fatt li t-Tribunal ma laqax dawn l-argumenti ma jfissirx li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali ma ġewx osservati.

42. B'riferiment għar-raba' aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li għandu jirriżulta li t-Tribunal ikkonsidra l-provi kollha prodotti, u l-fatt li kkwota partijiet minn xhieda jew oħra, juru l-motivazzjoni tal-istess Tribunal. Qalet li l-maġġior parti tax-xhieda ddeponew quddiem it-Tribunal, u għandu jirriżulta li t-Tribunal intervjena b'mod dirett fix-xhieda mogħtija, kif jirriżulta mid-diversi interventi li saru u mit-traskrizzjonijiet relattivi. Qalet li għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li t-Tribunal ma semgħax jew ma kkonsidrax il-provi kollha miġjuba quddiemu. B'riferiment għax-xhieda partikolari li ssemmiet mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellata qalet li Dr Marisa Grech fix-xhieda tagħha imkien ma qalet li dan kien ftehim ta' kurazija, u lanqas ma qalet

li l-Bord ried jagħti *guardianship deed.* L-appellata qalet li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-appellata ġiet esebita, u mkien ma jirriżulta li dawn iddeċidew li jagħtu kurazija fir-rigward tas-siti. L-appellata qalet ukoll li filwaqt li t-titolu tal-Minuta tal-Bord huwa '*Guardianship Deeds',* minn qari tal-Minuta, jirrżulta li hemm distinzjoni bejn it-tipi ta' kuntratti li ġew approvati mill-Bord fl-istess deċiżjoni. Qalet li l-Bord iddeċieda wkoll dwar il-*Management Agreement* mal-FKNK, u f'din id-deċiżjoni l-Bord iddistingwa bejn artijiet li ġew mgħoddija b'*guardianship deed,* artijiet oħrajn li ġew allokati, u l-Aħrax u l-Miżieb b'*Management Agreement.* L-appellata għamlet ukoll riferiment għall-fatt li l-appellanta ħassitha aggravata għaliex kien hemm xhieda li ma ġietx riprodotta fis-sentenza appellata, u li fil-fehma tal-appellanta ma ġietx ikkonsidrata. L-appellata qalet li t-Tribunal kien obbligat li jiddeċiedi biss dawk l-aggravji mqajma mill-appellanta, u dan bl-ebda mod ma jfisser li ma kkonsidrax il-kumplament tax-xhieda.

43. L-appellata qalet li mhux minnu li b'dak li xehed Alistair Borg, dan ikkonferma d-disa' aggravju. Dwar ix-xhieda ta' Omar Mizzi, l-appellata qalet li ma kien hemm l-ebda aggravju rigward il-kwistjonijiet ta' infurzar *o meno* fis-siti, u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' xi deċiżjoni f'dan ir-rigward. B'riferiment għax-xhieda ta' Lucas Micallef, l-appellata qalet li t-Tribunal ikkonsidra din ix-xhieda u għamel sunt tal-istess, inkluż il-mod ta' kif jiġu allokati d-duri fis-siti konċessi. L-appellata qalet li s-sottomissjoni tal-appellanta dwar l-ammont ta' membri u l-introjtu tal-FKNK, bl-ebda mod ma timpinġi fuq ir-reviżjoni tal-ftehim ikkontestat. Qalet ukoll li t-Tribunal ikkonsidra x-xhieda tas-Segretarju Permanenti Joseph Caruana fl-ambitu ta' xhieda oħra, inkluż dik tal-Kap Eżekuttiv tal-ERA, u t-Tribunal kien ikun żbaljat li kieku kkonsidra din ix-

xhieda b'mod iżolat, kif donnha tippretendi l-appellanta. L-appellata qalet li lanqas il-kwistjoni dwar jekk il-Ministru kienx involut jew le fl-għotja, m'huwa ta' rilevanza għal dawn il-proċeduri. L-appellata qalet li jekk xejn għandu jirriżulta li x-xhieda ta' Caruana ġiet kontradetta minn għadd ta' xhieda oħra, fosthom tas-Segretarju Parlamentari Chris Agius u minn Dr Ivan Meli, li kienu jiffurmaw parti mill-istess Ministeru, mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Awtorità appellata, u kienet l-appellanta stess li ressqet prova dwar il-preżenza tal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim, li juri l-involviment ċar tal-istess Ministeru. Qalet li anki x-xhieda ta' Mark Mifsud Bonnici, President Għaqda Kaċċaturi San Ubertu ġiet ikkonsidrata kif mistħoqq, anki fid-dawl ta' deposizzjonijiet li saru minn xhieda oħra, u din l-għaqda setgħet kieku riedet, hija stess tipproċedi kontra l-appellata. B'riferiment għax-xhieda ta' Michelle Piccinino, l-appellata qalet li jkun impossibbli għat-Tribunal li jirriproduċi xhieda fl-intier tagħha kif tippretendi l-appellanta, u jekk xejn għandu jirriżulta li t-Tribunal ma kkwotax ix-xhieda *verbatim,* iżda għamel sunt tax-xhieda mogħtija. L-Awtorità appellata qalet li lanqas ma jirriżulta li ġiet skartata x-xhieda tal-Ministru Clint Camilleri, u kienet l-appellanta li kienet selettiva fil-mod kif irrediġiet l-aggravju tagħha dwar dan il-punt. L-appellata qalet li minn qari tas-sentenza fit-totalità tagħha għandu jirriżulta li t-Tribunal ta piż ukoll lil dak li ddepona dwaru dan ix-xhud, anki jekk din ix-xhieda ma ġietx ikkwotata *verbatim.* L-appellata għamlet riferiment għax-xhieda tal-*ex CEO* tagħha James Piscopo, u qalet li skont l-artikolu 7(5) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, hija għandha timxi mad-direzzjonijiet strateġiċi mogħtija mill-Gvern ta' Malta, u għalhekk m'hemm xejn irregolari f'dak li ngħad fix-xhieda tal-istess Piscopo, li tkellem dwar il-"*will* tal-

Gvern". L-appellata qalet li hija mhijiex parti mill-*MoU* li ġie ffirmat, u l-ebda mod ma ġie ppruvat li dan l-*MoU* kien qiegħed jissostitwixxi xi awtorizzazzjoni oħra. Qalet li lanqas ma nġabet prova li kien hemm il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni oħra, u lanqas m'huwa minnu li tali awtorizzazzjoni kienet jew hija meħtieġa skont il-liġi sabiex isir ftehim ta' din ix-xorta.

44. L-appellata qalet li minn qari tad-deċiżjoni għandu jirriżulta li t-Tribunal fehem in-natura tal-ftehim, anki jekk l-appellanta għadha tinsisti li dan huwa ftehim dwar xi proġett ambjentali. Qalet li dan il-ftehim huwa rigwardanti l-art, u hija obbligata tamministra l-art bl-aħjar mod possibbli, u hija għamlet dan billi fformalizzat sitwazzjoni irregolari li kienet ilha snin pendenti. Qalet ukoll li dan ma sarx kif ġie ġie, iżda wara eżaminazzjoni dettaljata u wara li ġew stabbiliti l-*management plans* konkreti. Qalet li la l-Kap. 563 u l-Kap. 573, u lanqas il-L.S. 549.46 u 549.62 ma jobbligawha li f'sitwazzjonijiet ta' ftehim bħal dan tissottometti xi pjan ta' immaniġġjar, kuntrarjament għal dak li jsir meta jkun hemm proġetti industrijali, per eżempju. L-appellata qalet li lanqas ma jirriżulta li dan ix-xhud ġie injorat fir-rigward ta' dak li kellu xi jgħid dwar il-*conservation officers,* u żiedet tgħid li huwa fatt pertinenti li permezz ta' dan il-ftehim hija qablet li dawn l-uffiċjali għandhom jiġu ingaġġati minn Ministeru partikolari, u t-Tribunal kien korrett meta ssenjala li l-Gvern huwa wieħed. L-appellata għamlet riferiment għax-xhieda mogħtija mill-Onor. Chris Agius, li qal li huwa mhux persuna bi sfond legali, u qalet li għalhekk ma kienx ikun floku li kieku t-Tribunal straħ jew iddetermina xi punt legali fuq dak li ddepona dwaru dan ix-xhud. L-appellata qalet li anki x-xhud Dr Ivan Meli, iddeskriva dan il-ftehim bħala *management agreement,* u għalhekk it-Tribunal minn imkien ma kellu jinferixxi li dan kien att ta' kurazija. Barra minn hekk, l-appellata qalet li l-ftehim

jikkostitwixxi l-prova reġina, u huwa għalhekk li t-Tribunal ma straħx fuq xhieda jew oħra, iżda wasal għad-deċiżjoni tiegħu billi kkonsidra l-fatti kollha. L-appellata qalet li filwaqt li hija taqbel li kull Tribunal, inkluż it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandu l-obbligu li jadotta *standards* ta' imġiba amministrattiva tajba, ma taqbilx li fil-każ odjern dawn l-istandards ma ġewx adottati. Qalet li hija tal-fehma li t-Tribunal mexa b'mod diliġienti, skont dak li jipprovdu għalih l-Kap. 563, 573 u 490 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u l-appellanta kellha kull opportunità li tippreżenta l-provi tagħha.

45. B'riferiment għall-ħames aggravju tal-appellanta, li t-Tribunal għamel apprezzament parzjali u inkongruwu ma' dak li trid il-liġi, l-appellata qalet li l-mertu li kellu quddiemu t-Tribunal, kienet id-deċiżjoni tal-appellata u l-*management and operation agreement* sussegwenti, kif ukoll il-proċess li wassal għall-istess ftehim. Qalet li minn qari dettaljat tal-ftehim, jirriżulta li m'hemm ebda approvazzjoni għal xi attività jew operat kif trid il-liġi fuq l-art in kwistjoni, u dan huwa fatt li ġie rikonoxxut mit-Tribunal. Qalet ukoll li l-artikoli 58 u 59 tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ebda mod ma jobbligaw lis-sid jew lill-amministratur tal-art jikseb xi awtorizzazzjoni mill-ERA għas-sempliċi fatt li jkun ser isir xi trasferiment. L-appellata għamlet riferiment ukoll għall-*project plans* annessi mal-kuntratt u għall-fatt li dawn, minkejja li ġew annessi mal-kuntratt, ma jagħtux jedd lill-FKNK teżerċita l-istess attivitajiet fuq dik l-art. Qalet li dawn il-pjani ġew hekk indikati fil-ftehim fl-ambitu tar-rwol li hija għandha bħala amministratur tal-art, u f'kull kuntratt ta' kera jiġi determinat l-użu tal-art x'għandu jkun. Qalet li għalhekk kull awtorizzazzjoni meħtieġa kellha u għandha tinġieb mill-FKNK sussegwentement għall-ftehim bħala l-persuna li

tkun sejra torganizza dik l-attività. L-appellata qalet li l-*MoU* huwa awtorizzazzjoni impliċita mill-ERA għall-operat li jkun ser isir fuq l-art, u li hija (l-appellata) mhijiex parti mill-*MoU*, u lanqas biss hija firmatarja fuq l-istess. Qalet li għalhekk ma kien hemm ebda żball mit-Tribunal meta kkonsidra li l-ftehim ma jikkostitwix attività kif tippretendi l-liġi.

46. B'riferiment għas-sitt aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li t-Tribunal kien korrett meta qies li l-awtoritajiet kollha rilevanti kienu *on board* b'dan il-ftehim, u dan il-fatt għandu jittieħed flimkien mal-kumplament tad-deċiżjoni, partikolarment il-konklużjoni li dan il-ftehim mhux att ta' kurazija.

47. L-appellata qalet li lanqas m'huwa minnu dak li ġie allegat mill-appellanta li hija ddelegat xi parti mill-funzjonijiet tagħha. Qalet li minn qari tal-ftehim innifsu għandu jirriżulta li l-partijiet għamlu żewġ premessi preliminari, jiġifieri li l-*full ownership* tas-siti huwa tal-Gvern ta' Malta, u l-Awtorità tal-Artijiet tamministra is-siti skont il-Kap. 563. Qalet li dawn id-drittijiet ma ġewx delegati lill-FKNK, u huwa biss il-*management* li ġie konċess, b'differenza mit-titolu jew l-amministrazzjoni tal-art. L-appellata żiedet tgħid li kieku saret delega fis-sens tal-artikolu 28 tal-Kap. 563, kull jedd fuq l-art ikun ġie trasferit, u aktar minn hekk dik d-delega mhijiex applikabbli fejn l-Awtorità tal-Artijiet tkun qegħda tittrasferixxi l-art taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 31 tal-Kap. 573. Qalet li f'dan il-każ it-trasferiment sar abbażi ta' dan l-artikolu, u dan ikompli jikkonferma l-inapplikabilità tal-artikolu 28 tal-Kap. 563, u għalhekk ma kien hemm l-ebda apprezzament ħażin, la ta' fatti u lanqas ta' liġi da parti tat-Tribunal.

48. B'riferiment għat-tmien aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li l-fatt li t-Tribunal ma rriproduċiex xhieda jew sottomissjonijiet sħaħ, bl-ebda mod ma jirrendi s-sentenza monka, għaliex it-Tribunal kien ċar dwar il-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellata spjegat li l-intenzjoni primarja tal-partijiet kienet li tiġi formalizzata sitwazzjoni li kienet ilha tippersisti fuq is-siti mingħajr l-ebda regolamentazzjoni jew ftehim sa mis-snin tmenin. Qalet li din ma kinitx sitwazzjoni ta' '*guardianship' ai termini* tal-artikolu 70A tal-Kap. 549, iżda ta' immaniġġjar u operat biss, u dawn iż-żewġ kunċetti huma distinti minn xulxin. Qalet li x-xhieda u l-provi kollha prodotti kkonfermaw li dan ma kienx att ta' kurazija u li l-Bord tal-Gvernaturi tagħha qatt ma ddeċieda li din l-art għandha tingħata b'kurazija.

49. B'riferiment għad-disa' aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li dan l-aggravju jirrelata direttament mal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta, u kien jikkonċerna obbligi imposti fuq awtoritajiet oħra. Qalet li kien għalhekk li t-Tribunal għamel l-osservazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-*MoU* u kif l-awtoritajiet kienu konxji minn dak li ġie miftiehem. Kompliet tgħid li l-proċeduri quddiem it-Tribunal kienu proċeduri ta' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, u t-Tribunal f'dawn il-proċeduri ma setax jissindika deċiżjonijiet relattivi għal awtoritajiet oħra. Qalet li huwa għalhekk ukoll li t-Tribunal sab li ma nġabet l-ebda prova li dan il-ftehim imur kontra r-reġim ambjentali li japplika għas-siti Natura 2000, u li mkien ma jirriżulta li l-Awtorità appellata kienet obbligata li f'xi stadju jew ieħor qabel l-iffirmar ta' dan il-ftehim tagħmel xi konsultazzjoni pubblika jew tosserva xi obbligi oħra kif indikat mill-appellanta fl-imsemmi aggravju. L-appellata qalet li fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta tuża l-kelma 'awtoritajiet' u mhux 'Awtorità', u din għalhekk kienet intiża biex tkopri

diversi awtoritajiet u mhux biss l-appellata. L-appellata kompliet tgħid li hija ma tat l-ebda permess għal xi żvilupp jew proġett fuq is-siti, iżda għaddiet biss l-immaniġġjar u l-operat tagħhom f'idejn terzi, u għalhekk l-obbligi imposti fuq il-partijiet huma obbligazzjonijiet imposti u parallelli għall-obbligi li sid privat jista' jimponi fuq inkwilin.

50. B'riferiment għall-għaxar aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li t-Tribunal ikkonsidra dan l-aggravju ma' dak ta' qablu minħabba korrelazzjoni bejn it-tnejn, u fil-fatt għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel dak li kien mistenni minnu, anke jekk id-deċiżjoni aħħarija ma kinitx togħġob lill-appellanta. Qalet li fil-fatt it-Tribunal ikkonsidra s-salvagwardji li l-Awtorità tal-Artijiet ħadet sabiex tassigura li dak kollu rikjest mil-liġi, anke dak marbut ma' prinċipji ambjentali, jiġi osservat. L-appellata qalet li l-unika deċiżjoni meħuda minnha kienet li tgħaddi l-immaniġġjar tas-siti lill-FKNK u mhux li tippermetti xi attività partikolari fuq is-siti, u li kwalunkwe attività ambjentali kienet u tibqa' tirrikjedi l-permessi neċessarji kemm skont l-*MoU,* kif ukoll skont id-disposizzjonijiet tal-liġi.

51. L-appellata għamlet ukoll riferiment għall-ħdax-il aggravju tal-appellanta, u qalet li ma kienx biss ix-xhud Lino Farrugia li rrefera għal din il-konċessjoni lil Birdlife, u dan ix-xhud xehed fl-istadju tal-provi tal-appellanta stess. Qalet li l-appellanta kellha kull opportunità tagħmel l-kontro-eżami tal-istess, jew saħansitra jtellgħu provi oħra relattivi għall-istess kwistjoni, u t-Tribunal kien korrett meta kkonsidra li l-appellata imponiet diversi obbligi in relazzjoni maż-żamma ta' żewġ siti ta' kobor konsiderevoli, u l-korrispettiv ma setax jiġi kkonsidrat f'iżolament. L-appellata qalet li l-appellanta naqset milli tagħmel

osservazzjonijiet dwar l-ispejjeż relattivi għall-obbligi imposti minnha fuq l-FKNK, kif ukoll injorat il-fatt li l-FKNK "mhijiex xi intrapriża kummerċjali iżda federazzjoni kulturali".

52. B'riferiment għat-tnax-il aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li mhuwiex ġust li jiġi senjalat li t-Tribunal eżamina l-aġir tal-Ministru u mhux tal-appellata. Qalet li għandu jirriżulta li t-Tribunal irrefera għall-Ministru konċernat sabiex jiskrutinizza d-deċiżjoni tal-Awtorità, u mhux għax kien qiegħed jiskrutinizza l-aġir tal-Ministru rispettiv.

53. L-appellata għamlet riferiment ukoll għat-tlettax-il aggravju tal-appellanta, rigward il-pajsaġġ kulturali, u qalet li anki f'dan ir-rigward it-Tribunal kien korrett, għaliex ladarba l-ftehim mhux wieħed ta' kurazija, ma jiskattawx id-disposizzjonijiet tal-Atti msemmija dwar l-għoti ta' kurazija. Qalet li l-artikolu 64 tal-Kap. 445 bl-ebda mod ma jfisser li l-appellata ma setgħetx tgħaddi l-art in kwistjoni bil-mekkaniżmi previsti fil-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija liġi speċjali u l-liġi applikabbli fl-amministrazzjoni ta' art tal-Gvern.

54. B'riferiment għall-erbatax-il aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li l-klawsola 2.2 tal-ftehim teskludi l-art li jirreferu għaliha l-liġijiet iċċitati mill-appellanta, u għalhekk dan ukoll bl-ebda mod ma jista' jirravviża f'xi forma ta' amministrazzjoni ħażina. Finalment, l-appellata qalet li mhux minnu li t-Tribunal aġixxa b'imġiba amministrattivament ħażina jew illeda xi drittijiet jew prinċipji ta' ġustizzja naturali, u t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu apprezza l-provi prodotti quddiemu b'mod ġust u korrett kif muri. Qalet li t-Tribunal immotiva wkoll id-deċiżjoni tiegħu fuq il-provi miġjuba mill-appellanta, b'dan illi saħansitra ċċita

diversi brani mid-deposizzjonijiet u mid-dokumenti ppreżentati. L-appellata qalet li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu abbażi tal-liġi applikabbli fiċ-ċirkostanzi, jiġifieri l-liġi speċjali li tirregola dan il-ftehim, wara li kkonsidra l-intenzjoni tal-partijiet u l-provi kollha prodotti. Qalet li għalhekk hija l-fehma tagħha li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għandha tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

55. Din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u dan filwaqt li ser tieħu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha. Imma l-ewwel nett hemm għadd ta' osservazzjonijiet preliminari li l-Qorti trid tagħmel qabel tittratta l-mertu proprju ta' dan l-appell. L-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha ssostni li s-sentenza appellata hija żbaljata mhux biss minħabba kwistjonijiet dwar l-mertu proprju tal-azzjoni, iżda wkoll għaliex it-Tribunal naqas milli josserva il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u kiser il-jeddijiet fundamentali tal-appellanta. Fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta ripetutament tallega li hija ma ngħatatx smigħ xieraq mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u tisħaq li dan mexa b'mod amministrattivament skorrett, u s-sentenza appellata hija ħażina għaliex ibbażata fuq provi li ġew ikkonsidrati biss b'mod parzjali, u tagħmel sensiela ta' allegazzjonijiet oħra li din il-Qorti temmen li għandha tindirizza qabel tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha dwar il-mertu proprju ta' dan l-appell.

56. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tassigura lill-partijiet li sabiex waslet għal din is-sentenza, hija eżaminat bir-reqqa l-atti kollha, inkluż il-proċessi voluminużi li

kellu quddiemu t-Tribunal, għarblet ix-xhieda kollha prodotti, u semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, u dan sabiex tkun tista' tagħti l-ġudizzju tagħha dwar is-sottomissjonijiet kollha li saru mill-partijiet. Il-Qorti tinsab ċerta li qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni mir-rikorrenti hawnhekk l-appellanta, hija għamlet riċerka estensiva u studjata dwar id-diversi liġijiet u konvenzjonijiet internazzjonali li ġew invokati qabel ma hija adixxiet lil dawn il-Qrati u talbet li l-ftehim jiġi ddikjarat null. Madanakollu jrid jingħad ukoll li mhux kull liġi, protokoll jew konvenzjoni indikati mill-appellanta għandhom rilevanza f'dawn il-proċeduri, għaliex dak li ntalab jagħmel it-Tribunal kien li jistħarreġ l-għemil amministrattiv tal-appellata, ċjoé l-ftehim.

57. Il-Qorti tirrimarka wkoll li minn ewl id-dinja kull parti li ma tingħatax raġun fi proċeduri ġudizzjarji, x'aktarx li sejra ssostni li magħha ma saritx ġustizzja, li ma ngħatatx smigħ xieraq, u saħansitra ser issib minn jallega wkoll li l-ġudikant wera parzjalità favur il-parti l-oħra, sempliċement għaliex il-parti l-oħra tkun ingħatat raġun mill-Qorti. Naturalment dan rari ħafna jkun il-każ. Hawn il-Qorti trid tippuntwalizza, li fil-każ odjern jirriżulta li t-Tribunal għamel għadd mhux żgħir ta' seduti, li matulhom l-appellanta ngħatat l-opportunità li tħarrek għadd konsiderevoli ta' xhieda li nstemgħu mit-Tribunal. Fil-fatt jirriżulta li l-parti l-kbira tas-seduti saru proprju sabiex jinstemgħu x-xhieda tal-appellanta. Ma jirriżultax li xi xhud intalab li jaqta' fil-qasir, u anki meta tressaq ix-xhud Alistair Paul Borg, li qal li ma sab xejn fir-*records* tal-Ministeru fejn jaħdem, dwar il-ftehim li tpoġġa taħt skrutinju mit-Tribunal, it-traskrizzjoni ta' dak li qal dan ix-xhud iddaħħlet fil-proċess, anki jekk it-Tribunal qies li ma kellux jagħmel xi konsiderazzjonijiet partikolari dwar dak li qal dan ix-xhud. L-appellanta min-naħa l-oħra, fost diversi aggravji li ressqet, dehrilha li t-Tribunal

kellu jislet xi forma ta' konklużjoni mill-fatt li dan ix-xhud spjega li ma seta' jsib l-ebda *record* rigward dan il-ftehim fid-dokumentazzjoni li tinżamm fil-Ministeru fejn huwa impjegat. Dan huwa biss eżempju wieħed fejn il-Qorti ma tistax taqbel mal-linja pjuttost aggressiva u ostili li ħadet l-appellanta fil-konfront tat-Tribunal. Fil-fehma tal-Qorti lanqas m'huwa raġonevoli li wieħed jistenna li t-Tribunal jirriproduċi dak li jkun iddepona quddiemha kull xhud kelma b'kelma, a skans li titħalla barra xi parti mix-xhieda li parti jew oħra jidhrilha li hija ta' rilevanza aktar minn oħra. Il-Qorti eżaminat is-sentenza mogħtija mit-Tribunal diversi drabi, u ma jirriżultalhiex li din is-sentenza hija nieqsa mill-motivazzjoni, tant hu hekk li l-appellanta siltet erbatax-il aggravju minn dik is-sentenza. Għandu jiġi rilevat ukoll li kien hemm terminu ta' żmien li fih it-Tribunal kellu jagħti d-deċiżjoni tiegħu, u fil-każ odjern il-mertu tal-appell li sar quddiem it-Tribunal ma kien wieħed faċli xejn, partikolarment meta fir-rikors li sar mill-appellanta ddaħħlu diversi elementi għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal li ma kinux jirrelataw speċifikament mal-att amministrattiv imwettaq mill-Awtorità tal-Artijiet, ċjoé il-ftehim, iżda ma' sensiela ta' atti li kellhom isiru minn awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet governattivi oħra. Madankollu il-Qorti għal darb'oħra tapprezza li l-appellanta għamlet riċerka approfondita qabel ġew intavolati l-proċeduri, iżda dan ma jfissirx li kull ma ngħad fir-rikors promotur quddiem it-Tribunal, kif ukoll fir-Rikors tal-Appell quddiem din il-Qorti, huwa rilevanti għall-mertu proprju li jrid jiġi deċiż f'dawn il-proċeduri.

58. Bħala riassunt irid jiġi ppreċiżat li fil-proċeduri quddiem it-Tribunal l-appellanta talbet li dan jagħmel stħarriġ ġudizzjarju dwar att amministrattiv, il-ftehim li ntlaħaq bejn l-appellata u l-FKNK. Quddiem it-Tribunal, l-appellanta saħqet li (i) il-ftehim għandu jitqies li huwa null għaliex ma kienx hemm l-

awtorizzazzjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, bi ksur tal-artikoli 59 u 59 tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) li ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni tal-Ministru Responsabbli mill-Artijiet qabel saret delega tal-funzjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet lill-FKNK; (iii) li l-Awtorità tal-Artijiet m'għandhiex setgħa tagħti kurazija fuq dawn is-siti minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 70A tal-Kap. 549; (iv) it-tfassil tal-pjan tal-Miżieb u l-Aħrax ma sarx b'konformità mal-artikoli 50 u 51 tal-Kap. 549; (v) il-ħlas ta' €400 fis-sena għaż-żewġ siti huwa ħlas irriżorju u sproporzjonat meta pparagunat mad-daqs tal-art; (vi) l-Awtorità tal-Artijiet aġixxiet *ultra vires* meta qablet mal-ingaġġ ta' *conservation officers* għaż-żona; (vii) dan il-ftehim jolqot art li tinsab 15-il metru 'l ġewwa mill-perimetru tal-kosta, u dan ifisser għalhekk li ġiet konċessa art li tifforma parti mid-demanju pubbliku, li għal żminijiet partikolari fis-sena ser tkun tista' titgawda biss mill-membri tal-FKNK, bi preġudizzju għall-kumplament tal-pubbliku.

59. Il-Qorti mhijiex sejra tidħol fil-mertu ta' kull aggravju li tressaq mill-appellanta, qabel ma tindirizza dak li fil-fehma tagħha huwa l-mertu ewlieni ta' dan l-appell u tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, jiġifieri il-modalità li biha sar il-ftehim li ġie ffirmat bejn l-appellata u l-FKNK, u jekk l-appellata mxietx b'mod amministrattivament korrett meta resqet għall-iffirmar tal-imsemmi ftehim. Il-Qorti tqis li kull aggravju ieħor li tressaq huwa sussidjarju għal dan l-aggravju ewlieni, għaliex jekk jiġi deċiż li l-Awtorità tal-Artijiet ma setgħetx tersaq għall-iffirmar tal-ftehim bil-modalità kif sar, il-ftehim għandu jitqies li huwa null u mingħajr effett *ab initio*. Għalhekk l-aggravji kollha l-oħra marbuta mal-obbligi li kellha l-Awtorità tal-Artijiet li tħares il-konvenzjonijiet internazzjonali, li tagħmel konsultazzjoni pubblika, u li tikkonsulta ma'

awtoritajiet oħra, huma sussidjarji għall-ilment prinċipali tal-appellanta, li l-appellata ma mxietx konformi mal-liġi speċjali li tirregola l-amministrazzjoni tagħha, inkluż il-modalità li biha għandha titrasferixxi art pubblika.

60. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta ssostni li t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li t-trasferiment odjern kien wieħed regolari u skont dak li jipprovdi l-artikolu 31 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li t-Tribunal iddeċieda li dan l-att ta' trasferiment huwa 'kirja' regolata mill-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573, u sostniet li t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li s-siti jiġu konċessi lill-appellata b'titolu ta' kera. Min-naħa tagħha l-appellanta spjegat li permezz tal-ftehim hija riedet biss tirregolarizza sitwazzjoni li kienet ilha teżisti mis-snin tmenin, u tgħid li għal bosta snin kien hemm l-approvazzjoni ta' amministrazzjonijiet differenti biex tingħata l-konċessjoni ta' din l-art favur l-FKNK.

61. In linea preliminari għandu jingħad li m'hemmx dubju li l-konċessjoni tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri mill-Awtorità tal-Artijiet lill-FKNK, tikkwalifika bħala 'trasferiment' *ai termini* tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddefinixxi 'trasferiment' bħala -

> "(a) kull kirja jew *encroachment* jew **jedd ieħor ta' użu** kif ukoll l-għoti ta' **kull jedd reali jew personali** f'xi art jew fuqha";[1]

62. Fis-sentenza appellata, it-Tribunal ikkonkluda li l-Awtorità appellata kkonċediet lill-FKNK dritt personali għall-immaniġġjar u l-operat tas-siti in kwistjoni. Il-Qorti tagħmel riferiment speċifiku għall-artikolu 31 tal-istess Kap.

[1] Enfasi tal-Qorti.

573, liema artikolu jipprovdi għall-modalitajiet kollha kif l-Awtorità tal-Artijiet tista' tittrasferixxi art pubblika f'diversi ċirkostanzi partikolari. Hekk per eżempju, dan l-artikolu tal-liġi jipprovdi għall-għoti ta' art pubblika b'*encroachment* għal żmien temporanju u speċifiku. Il-liġi taħseb ukoll biex tirregola t-trasferiment ta' proprjetà pubblika b'titolu ta' bejgħ, b'titolu ta' enfitewsi temporanja, b'titolu ta' kera, tirregola kirjiet kummerċjali, u l-għoti ta' art pubblika bi tpartit jew permuta.

63. L-Awtorità appellata ssostni li f'dan il-każ hija ttrasferiet is-siti in kwistjoni taħt l-artikolu 31(g)(E)(x) tal-Kap. 573, li jgħid:

> "31. Ebda art li tkun proprjetà tal-Gvern jew għalkemm mhux proprjetà tal-Gvern tinsab fil-pussess jew hija miżmuma jew amministrata mill-Gvern, ma tista' tiġi trasferita kemm-il darba dak it-trasferiment ma jsirx skont xi waħda mid-disposizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:
>
> (g) skont waħda mill-forom li ġejjin:
>
> (E) Art tal-Gvern tista' tingħata b'kiri:
>
> (x) jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali;
>
> B'dan illi l-awtorità kompetenti tista' f'kull żmien tagħti l-jedd biex il-kerrej jissulloka jew iċedi l-kirja tiegħu favur terzi."

64. Dak li kellu jistħarreġ dwaru t-Tribunal kien għalhekk jekk il-ftehim in kwistjoni jikkwalifikax bħala 'kirja', u jekk din il-'kirja' ngħatatx lill-FKNK għall-iskopijiet maħsuba taħt is-sub-inċiż (g)(E)(x) tal-artikolu 31 tal-Kap. 573, jiġifieri jekk il-'kirja' saritx għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali. Jekk xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti ma jirriżultax, il-ftehim in kwistjoni għandu jitqies li huwa null u mingħajr ebda effett fil-liġi. Din il-Qorti taqbel mal-

osservazzjoni li għamel it-Tribunal fis-sentenza fl-ismijiet **Birdlife Malta et *vs.* Awtorità tal-Artijiet** tal-25 ta' Jannar, 2022, li d-dibattitu f'pajjiżna dwar jekk il-kaċċa u l-insib jistgħux jiġu kklassifikati bħala attivitajiet kulturali u soċjali huwa wieħed 'jaħraq', u huwa għalhekk li l-Awtorità tal-Artijiet kienet mistennija li tagħmel eżami mill-aktar rigoruż dwar jekk fil-każ odjern is-siti in kwistjoni setgħux, jew kellhomx jingħataw lill-FKNK taħt l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti tosserva wkoll li l-proċeduri odjerni huma bejn min-naħa l-waħda l-appellanta f'din l-istanza, u l-appellata Awtorità tal-Artijiet, u għalhekk l-FKNK ma kinitx parti f'dawn il-proċeduri, għalkemm xehdu il-Kap Eżekuttiv tagħha Lino Farrugia, u rappreżentant tagħha Lucas Micallef.

65. Din il-Qorti għalhekk tqis li fl-ewwel lok it-Tribunal kellu jikkunsidra jekk il-ftehim bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-FKNK jistax jiġi kklassifikat bħala 'kirja', sabiex qabel ma jiġi eżaminat jekk l-FKNK tistax titqies li taqdi funzjonijiet soċjali jew kulturali, jiġi stabbilit jekk l-Awtorità tal-Artijiet kinitx korretta tipproponi l-istrument legali, li ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi tagħha, sabiex isir it-trasferiment odjern. Il-Qorti tgħid dan, għaliex il-ftehim iffirmat fid-9 ta' Ottubru, 2020, bejn min-naħa l-waħda l-Awtorità tal-Artijiet, u l-FKNK fuq in-naħa l-oħra, huwa *'Agreement on Management and Operation of the Miżieb and Aħrax Areas',* u sussegwentement jirreferi għall-FKNK bħala l-"*Guardian*" tas-siti. Din il-Qorti tirrileva li la l-korrispondenza u l-komunikazzjonijiet li kien hemm preċedentement għall-iffirmar ta' dan il-ftehim, u lanqas id-direzzjoni li ngħatat mis-Segretarju Parlamentari Deborah Schembri, ma imponew jew stipulaw liema forma legali għandha tintuża sabiex dak li kien ilu jiġi diskuss bejn amministrazzjonijiet differenti u l-FKNK, jiġi fformalizzat. Dak li kien meħtieġ però huwa li l-istrument legali li permezz tiegħu kellu jsir il-ftehim, kif approvat

mill-Awtorità tal-Artijiet, ikun konformi mad-disposizzjonijiet tal-liġi, partikolarment ladarba l-Awtorità appellata ħadet id-deċiżjoni li ma tinnotifikax lill-pubbliku bil-ħsieb tagħha li tikkonċedi is-siti lill-FKNK, kif kien iseħħ li kieku t-trasferiment sar wara l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti, b'avviż għat-trasferiment b'irkant jew permezz ta' riżoluzzjoni parlamentari.

66. L-istrument legali li permezz tiegħu is-siti għaddew lill-FKNK, jitkellem dwar '*Guardian*', dwar il-fatt illi "*the Site may be managed professionally by the Guardian", "the Grantor grants unto the Guardian, the management and operation of the Site … and the Guardian accepts the said grant",* u l-klawsola 5.2 tal-Ftehim li tgħid li, *"[t]he Parties agree that the Guardian shall be responsible for the operations of the Site and associated facilities at its own cost and expense in accordance with the Standards of a Reasonable and Prudent Guardian".* Fil-ftehim hemm ukoll klawsoli oħrajn simili, fejn it-terminoloġija wżata ripetutament tirreferi għal kuratur u għal att ta' kurazija. Taħt il-liġi Maltija, att ta' kurazija jista' jingħata taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent), li jistipula li l-kurazija għandha ssir permezz ta' att pubbliku, u wara li jkun hemm approvazzjoni mill-Ministru responsabbli għall-artijiet. Huwa f'dan is-sens li l-appellanti qegħdin jgħidu li f'dan il-każ kellha tiġi approvata riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati qabel seta' jiġi ffirmat dan il-ftehim li permezz tiegħu art pubblika tgħaddi għand xi organizzazzjoni mhux governattiva. Dak li għamlet l-Awtorità tal-Artijiet f'dan il-każ, kien li resqet għall-iffirmar ta' ftehim li fis-sustanza tiegħu m'huwa xejn għajr att ta' kurazija, inkluż it-tip ta' termini, klawsoli u obbligi li ġew adottati fih, mingħajr iżda ma ġew osservati l-formalitajiet rikjesti mil-liġi sabiex seta' jiġi ffirmat ftehim bħal dan. L-artikolu 70A(1) tal-Kap. 549 tal-Liġijiet

ta' Malta jistipula b'liema mod tista' tingħata kurazija mill-Gvern u kif għandu jsir att ta' kurazija:

> "Il-Ministru jista', bl-approvazzjoni mogħtija minn qabel bil-miktub tal-Ministru responsabbli għall-artijiet, jagħmel permezz ta' att pubbliku, att ta' kurazija ma' kunsill lokali jew ma' organizzazzjoni mhux governattiva li bih il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli tiġi mgħoddija għal għand il-kunsill lokali jew organizzazzjoni mhux governattiva, skont il-każ, sabiex tkun tista' tintuża biex tiżgura għan ambjentali bħalma huma dawk imsemmija fl-artikolu 4, u skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti u skont dawk il-kondizzjonijiet mhux inkonsistenti magħhom li jistgħu jiġu inklużi f'dak l-att. L-att ta' kurazija għandu jiddikjara għal kemm żmien ikun qiegħed isir wara li jiġu kkonsidrati bir-reqqa l-possibilità li dan jiġi attwat u l-iskala ta' kull proposta."

67. Il-Qorti tqis illi sabiex tingħata l-kurazija tas-siti lill-organizzazzjoni mhux governattiva in kwistjoni, dan kellu jsir permezz ta' att pubbliku bejn il-Ministru responsabbli għall-ambjent u l-FKNK, wara li tkun ingħatat minn qabel l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru responsabbli mill-artijiet. Din il-Qorti tqis li l-uniċi modi kif l-Awtorità tal-Artijiet setgħet tikkonċedi is-siti lill-FKNK kien b'titolu ta' *encroachment,* jew inkella permezz ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, la darba l-ftehim ma jistax jitqies bħala kirja, u allura mhuwiex applikabbli is-sub-inċiż (g)(E)(x) tal-artikolu 31 tal-Kap. 573.

68. Din il-Qorti tqis li l-formalitajiet preskritti mil-liġi fir-rigward ta' trasferimenti ta' artijiet pubbliċi, minnhom infushom huma maħsuba sabiex jiżguraw aktar kontabbilità u trasparenza, u jservu biex tingħata aktar informazzjoni lill-pubbliku, ħalli jkun jista' jsir skrutinju aħjar ta' tali trasferimenti mir-rappreżentanti parlamentari u mill-opinjoni pubblika. Il-Qorti tqis li l-iskop ta' dawn il-formalitajiet preskritti mil-liġi mhuwiex biss wieħed

formalistiku, imma dawn għandhom ukoll effetti sostantivi. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern, it-trasferiment ta' meded estensivi ta' art pubblika tal-kejl komplessiv ta' miljun u nofs metru kwadru (1,500,000 m.k.) ġie ffirmat fil-magħluq mingħajr il-preżenza tal-mezzi tal-istampa, u sar permezz ta' skrittura privata u mhux b'att pubbliku kif tippreskrivi l-liġi, mingħajr ebda sejħa pubblika, u mingħajr ebda konsultazzjoni pubblika jew dibattitu parlamentari. Il-ftehim ta' *'guardianship'* kif kellu jsir permezz ta' att pubbliku bil-mod kif trid il-liġi, bil-pjanti dettaljati annessi, u biż-żoni li kellhom jitħallew għall-użu tal-pubbliku ben definiti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tilqa' it-tieni, is-sitt u t-tmin aggravju tal-appellanta, u tiddeċiedi li l-mod li bih sar it-trasferiment tas-siti in kwistjoni lill-FKNK permezz ta' skrittura privata, jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 549 u tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-artikolu 31 tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tqis li l-ftehim in kwistjoni huwa null u bla effett *ab initio*.

69. In vista tal-fatt li din id-deċiżjoni tolqot il-mertu ewlieni tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, li ntalab jistħarreġ l-għemil amministrattiv tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji l-oħrajn li ġew sollevati mill-appellanta, anki għaliex kif diġà spjegat, uħud minn dawn l-aggravji jirrisalu fuq il-fieragħ. Hekk per eżempju, minkejja li din il-Qorti sejra essenzjalment tirrevoka s-sentenza appellata, ċertament li ma tistax taqbel li din mhijiex immotivata, jew mal-fehma espressa mill-appellanta li mhux minnu li t-Tribunal ikkonsidra l-atti kollha. Il-Qorti lanqas m'hija taqbel li t-Tribunal irriproduċa biss id-deposizzjoni tax-xhieda li taġevola l-pożizzjoni li ħadet l-Awtorità tal-Artijiet f'dawn il-proċeduri, jew li kien hemm amministrazzjoni ħażina da parti tat-Tribunal sempliċement għaliex dan qies li

l-attivitajiet elenkati fil-*management plans* għal dawn is-siti ma jaqgħux taħt il-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tqis illi għad li l-appellanta essenzjalment għandha raġun titlob li l-ftehim in kwistjoni jiġi ddikjarat null, u dan għar-raġunijiet diġà spjegati, fl-istess ħin l-appellanta mhijiex korretta f'għadd ta' asserzjonijiet u allegazzjonijiet li għamlet fir-rigward ta' kif it-Tribunal wettaq il-funzjonijiet ġudizzjarji tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti tissenjala għall-attenzjoni tal-Awtorità appellata, li ladarba permezz ta' din is-sentenza qiegħed jiġi stabbilit li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-FKNK tkun il-kuratur tas-siti, kif jirriżulta mill-ftehim innifsu, kien hemm għadd ta' salvagwardji proċedurali li kellhom jittieħdu qabel ftehim bħal dan seta' jiġi ffirmat. L-Awtorità appellata ma tistax tibqa' tinqeda bl-approvazzjoni taċita tal-amministrazzjonijiet li mexxew lil dan il-pajjiż tul is-snin, jew bil-ftehim informali li kien hemm fit-tmeninijiet, sabiex tirrazzjonalizza l-iffirmar ta' dan l-att min-naħa tagħha, mingħajr ebda konsiderazzjoni tat-tibdil fil-liġijiet Maltin li sar fl-aħħar snin b'konformità mal-liġi komunitarja u mal-obbligi internazzjonali li għandha Malta fil-qasam ambjentali.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell imressaq mill-appellanta billi:**

1. **Tilqa' it-tieni, is-sitt u t-tmin aggravju tal-appellanta, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-oħra tagħha;**

**2. Tħassar is-sentenza appellata, u tiddeċiedi li l-ftehim iffirmat bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti tad-9 ta' Ottubru, 2020, huwa *ab initio* null u bla effett, stante li ma sarx skont il-formalitajiet preskritti mil-liġi.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, u l-ispejjeż ta' dan l-appell, għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**